# IN-NISA GHORRIEF

## MOLIÈRE

*Maqluba ghall-Malti minn*

**Lorna Vassallo**

**2007 – 2010**

**(Mitmuma t-2 ta' Mejju 2010 )**

# IN-NISA GHORRIEF

## MOLIERE

# L-EWWEL ATT

## L-EWWEL XENA

*ARMANDE, HENRIETTE*

| | |
|---|---|
| Armande | Li tkun xebba huwa unur, ja oht,<br>Certa li trid thallih warajk?<br>U trid taghmel festa li se tizzewweg?<br>Dan il-hsieb vulgari kif jista' jigik f'mohhok? |
| Henriette | Iva, ja oht |
| Armande | Ah! Iva bhal dik nista' nissaportiha? U naf nismaghha minghajr ugiegh ta' qalb? |
| Henriette | X'ghandu allura iz-zwieg fih innifsu li jgieghlek tkun kontrih, ja oht? |
| Armande | Ah! Alla tieghi! |
| Henriette | Kif? |
| Armande | Ah! Ara x'se nghidlek,<br>Ma tindunax li minn x'hin wiehed jisma' hekk,<br>kelma bhal dik ma ggibx hlief taqlib ta' stonku?<br>Oh! Minn xi xbieha stramba!<br>Fuq liema triq mahmuga twaddab lill-hsieb!<br>Ma jaqbdikx il-bard? U ma tistax, ja oht, wara dan il-kliem kollu li ghedtlek, tregga' 'l qalbek fit-triq itt-tajba? |
| Henriette | Wara kliem bhal dak, meta nixtarrhom sewwa, |

| | |
|---|---|
| | Nisthajjel nara ragel, tfal, dar<br>U hemmhekk ma nara xejn , nahseb kemm nahseb,<br>Li jwegga' l-hsieb u jgieghlni nirtoghod. |
| Armande | Rabtiet bhal dawn!  Alla maghna! Joghgbuk? |
| Henriette | U x'jista' jaghmel ahjar xi hadd fl-età tieghi,<br>milli nintrabat ma'<br>ragel li jhobbni u li nroddlu mhabbtu lura<br>u li minn din ir-rabta, li warajha ma hallietx hlief tenerezza,<br>tgawdi l-hlewwiet ta' hajja innocenti?<br>Din l-ghoqda ta' persuni mwahda m'ghandha xejn li jigbdek? |
| Armande | O Alla tieghi!  Kemm hu ta' livell baxx l-ispirtu tieghek!<br>Li inti taghmel rwol tant insinjifikani fid-dinja<br>Li tinhela fuq l-affarijiet tad-dar<br>U li ma tippruvax tilmah pjaciri li jmissu r-ruh iktar fil-fond<br>Hlief ghal idolu ta' ragel u tfal grotteski.<br>Halli ghan-nies il-baxxi, ghal persuni vulgari,<br>Il-pjaciri baxxi ta' dawn it-tip ta' hwejjeg<br>Tajjar ix-xewqat tieghek lejn hsibijiet iktar gholja<br>Aghti lok halli dduq int ukoll pjaciri iktar nobbli<br>U minflok ilqa' bic-ciera is-sensi u l-materja<br>U lill-ispirtu, bhalna, aghti ruhek darba ghal dejjem<br>Ghandek lil ommna bhala ezempju haj quddiem ghajnejk,<br>Li bit-titlu ta' gharfa hija maghrufa ma' kullimkien<br>Ittanta li turi, bhali, li int vera bintha<br>Iddakkar mill-ispirazzjonijiet tal-familja<br>U nfetah ghal hlewwiet zokrija<br>Li l-imhabba ghall-gherf tnibbet fil-qlub.<br>Lil hemm milli tkun skjava servjenta ta' ordnijiet ta' ragel<br>Izzewweg, ja oht, lill-filosofija<br>Li tpoggina 'l fuq minn kull generu uman<br>U li taghti lir-raguni setgha sovrana<br>Teghleb bil-ligijiet taghha l-parti annimal<br>Ta' liema aptit baxx ghal-livell ta' bejjem inizzilna<br>Hemmhekk huma l-vera xrar ta' mhabba, ir-rabtiet helwa<br>Li suppost jimlew kull mument ta' hajjitna<br>U l-inkwiet li ghalihom nara tant nisa joqghodu,<br>Jidhru f'ghajnejja bhala faqar orribli |
| Henriette | Is-sema, li fiha naraw ordni li jista' kollox |

| | |
|---|---|
| | Mill-bidu ghal ghanijiet varji jwellidna<br>U mhux l-ispirtu kollu huwa maghmul mill-istess materjal<br>Minn xi waqtiet hija maqtugha biex issawwar filosfu<br>Jekk tieghek inholoq iddestinat ghal hsibijiet gholja<br>Jew li l-hsibijiet tieghek joghlew ghal dawk ta' l-ghorrief<br>Tieghi huwa maghmul, ja oht, biex jibqa' fid-dinja<br>U fl-affarijiet zghar isib is-serhan tieghu<br>Ma nilghabux mal-pjanijiet gusti mfassla fis-smewwiet<br>U t-tnejn li ahna nimxu lejn fejn iwassluna l-istinti taghna<br>Inti ghix il-vastità ta' genjalità kbira u sabiha<br>Ir-regjuni gholja tal-filosofija<br>Filwaqt li l-ispirtu tieghi, waq li jibqa' jzomm fil-baxx,<br>Iduq iz-zwieg mal-hlewwa terrestri.<br>B'dal-mod, fid-dizinji taghna li jmorru kontra xulxin<br>It-tnejn li ahna nkunu qed nimitaw lil ommna<br>Int min-naha tar-ruh u xewqat nobbli<br>Jien min-naha tas-sensi u gosti dinjija<br>Int fit-trawwin ta' l-ispirtu u tad-dawl<br>Jien fit-trawwim ta' dak, ja oht, li huwa tal-materja |
| Armande | Meta wiehed jipprova jixbah persuna<br>Huwa fl-affarijiet is-sbieh li jippova jixbahha<br>U m'ghandekx tipprova assolutament tehodha bhala mudell<br>Ja oht, jekk mhux biex tisghol u tobzoq bhalha. |
| Henriette | Imma inti ma kontx tkun dak li tant tiftahar li int<br>Kieku ommi ma kellhiex dawk il-kwalitajiet sbieh<br>U li int tgawdi, ja oht, mill-genju nobbli taghha<br>Huwa propju ghax ma kenitx ikkonsagrata dejjem lejn il-filosofija<br>Grazzi ghal, ippermettili, ftit tjubija,<br>u bassezzi li minhabba fihom inti ghandek il-gibdiet ghonja tieghek<br>u la ttellifx milli , minhabba li qed tipprova ggieghlni nixbhek,<br>xi gharef ckejken li jixtieq jigi fid-dinja |
| Armande | Milli qed nara, l-ispirtu tieghek ma jistax ifiq,<br>mill-fellus li dahal f'rasek li ssib lil zewgek<br>Izda ejja ha nsiru nafu, jekk joghgbok, dwar min qed tahseb biex tieh,<br>tghidlix li l-ghazla tieghek waqghet fuq Clitandre? |
| Henriette | U ghaliex le?  Jonqsu xi haga? Xi ghazla baxxa? |

| | |
|---|---|
| Armande | Le ... imma jkun naqra pjan dizonest<br>Li tipprova tiehu rikba minn fuq dak li rebah haddiehor qablek<br>Ghax mhux xi fatt injorat minn kulhadd<br>Li Clitandre tant thabat biex jikseb lili |
| Henriette | Veru ... imma dawn l-aspirazzjonijiet ghalik huma hwejjeg vanituzi<br>U inti ma taqax ghal dawn il-bassezzi umani<br>L-ispirtu tieghek ghar-rabta jirrinunzja darba ghal dejjem<br>U l-filosofija rebhet imhabbtek mill-bidu sat-tmiem<br>Allura, jekk f'qalbek m'hemm l-ebda hsieb ghal Clitandre<br>X'jimpurtak min jista' jippretendih? |
| Armande | Dan l-imperu li jzomm ir-raguni 'l fuq mis-sensi<br>Ma jgaghlniex nirrinunzjaw ghall-hlewwa tal-kumplimenti<br>U wahda tista' tirrifjuta bhala zewgha lil min jisthoqqlu<br>Mentri fl-istess hin xorta tibqa' trid ma' djulha l-adorazzjoni kbira tieghu |
| Henriette | Jien ma zammejtux lura milli jkompli jadura l-perfezzjonijiet tieghek,<br>u m'ghamilt xejn hlief li hadt, wara li twarrab minn ruhek,<br>dak li giet toffrili l-kortesija tal-fjamma tieghu |
| Armande | Imma ghall-offerta tax-xewqat ta' mahbub mzeblah<br>Issib, nitolbok tghidli, sigurtà shiha?<br>Temmen li l-passjoni tieghu hija daqstant kbira,<br>u li ghalija fost dawk il-fjammi kollha miet kollox? |
| Henriette | Hu hekk qalli, ja oht, u sa fejn ghandi x'naqsam jien, nemmnu |
| Armande | La tkunx, ja oht, ta' bluha daqshekk qawwija,<br>u emmen, meta jghidlek li ser jitlaqni u jhobb lilek,<br>li mhux qed jahseb sew u qed jizbalja hu stess |
| Henriette | Ma nafx, imma flahhar minn l-ahhar, jekk huwa pjacir tieghek,<br>ilmahtu gej, u fuq dil-haga  jista' jitfghalna dawl kbir. |

# L-EWWEL ATT

## IT-TIENI XENA

*CLITANDRE, ARMANDE, HENRIETTE*

| | |
|---|---|
| Henriette | Biex tnehhili dubju li qed titfaghli ohti,<br>bejnha u bejni, Clitandre, spjegalna 'l qalbek,<br>skopriha fil-fond, u inzel ghal-livell fejn tilluminana<br>Min minna jista' jghid li ghandu jippretedi xewqatek |
| Armande | Le, le, jien ma rridx li lill-passjoni tieghek<br>Nimponi l-istrettezza ta' spjegazzjoni:<br>jien lin-nies nifhimhom u naf kemm huwa tal-misthija<br>ta' liema sforz difficli huma stqarrijiet bhal dawn meta jsiru fil-wicc |
| Clitandre | Le, madame, qalbi li ma tippretendix hafna,<br>ma thossx li hemm xejn li jzommni lura milli naghmel stqarrija hielsa<br>m'hemm l-ebda imbarazzament li se nitfa' lili nnifsi fih<br>u nqerr b'mod tant gholi , ta' ruh sinciera u safja<br>Li l-irbit teneru li rabatni<br>*(juri lil Henriette)*<br>Imhabbti u xewqati huma kollha fuq din in-naha<br>U l-ebda minn dawn l-istqarrijiet ma qanqlu fik xi emozzjoni<br>Int stess hdimt u xtaqt hwejjeg bhal dawn<br>Il-hlewwa tieghek kienet hakmitni, u l-gibdiet teneri tieghi<br>Wrew bizzejjed ix-xrar ta' xewqati<br>Qalbi offrietlek fjamma mmortali<br>Imma ghajnejk ma qisux il-hakma taghha bhala sabiha<br>Soffrejt taht il-madmad taghhom mitt canfira differenti<br>Hakmuli ruhi bhal tiranni kburija<br>U fittixt, ghajjien minn daqstant pieni,<br>Hakkiema iktar umani u rabtiet inqas goffi<br>*(Juri lil Henriette)*<br>Sibthom, madame, go ghajnejha,<br>U r-raded bhal vlegga li bihom laqtitni prezzjuzi ghalija ghal dejjem ser jibqghu<br>B'harsa ta' hasra nixxfuli d-dmugh<br>U ma regghux zebilhu dak li fija hlewwietek kienu rmew<br>Bi tjubija tant rari kienu jafu jmissuni |

| | |
|---|---|
| | Tant li m'hemm xejn li jista' idawwarni lura mid-decizjoni tieghi<br>U nazzarda issa nitolbok madame<br>Biex ma tipprova taghmel l-ebda ntopp fuq il-fjamma tieghi<br>Sabiex ma taghzilx li terga' tikseb qalb li ddecidiet li f'dil-passjoni tmut |
| Armande | He!  X'jghidlek, Monsieur, li ghandi din ix-xewqa<br>U li ghalik fl-ahhar mill-ahhar b'dan il-mod se ninkwieta?<br>Insibha tad-dahk li tigik f'rasek biss haga bhal din<br>U verament impertinenti li tghidhieli |
| Henriette | He! Bil-mod, ja oht, fejn'hu allura<br>Il-moral li jaf imewwet tant tajjeb il-parti animal<br>U jrazzan darba ghal dejjem l-isforzi tar-rabja? |
| Armande | Imma inti, li qed titkellem dwarha, fejn tipprattikaha?<br>Li tirrispondi ghall-imhabba li jurik xi hadd<br>Minghajr il-permess ta' min gabek fid-dinja?<br>Taf li hu fid-dover tieghek li toqghod ghalihom<br>Li ma tistax thobb minghajr il-permess taghhom<br>Li ghandhom, fuq qalbek, l-oghla awtorità<br>U li hu kriminali li tikkoncediha wahdek |
| Henriette | Nizzik hajr tat-tjubija li qed iggieghlni nara,<br>Li tghallimn daqshekk sew il-hwejjeg tad-dover,<br>Qalbi fuq il-lezzjonijiet tieghek ser thejji l-mixja taghha<br>U biex nurik, ja oht, li ser naghmel uzu tajjeb minnhom,<br>Clitandre, aghti kas illi ssahhah imhabbtek<br>Bil-kunsens ta' dawk li minghandhom ircevejt il-jum<br>Issigilla fuq ix-xewqat tieghi poter legittimu<br>U aghtini mezz biex inhobbok minghajr ma nwettaq ebda delitt |
| Clitandre | Se mmur nahdem bil-kawtela kollha u bl-iktar mod nobbli fuq dil-bicca xoghol<br>Kulma kont qed nistenna minghandek kien dal-helu kunsens |
| Armande | Int tittriomfa, ja oht, u wiccek jistrieh f'turija<br>Li timmagina li b'dan ser tweggaghni. |
| Henriette | Jien, ja oht? Lanqas xejn.  Jien naf li fuq is-sensi tieghek |

| | |
|---|---|
| | Id-drittijiet tar-raguni dejjem huma minn fuq<br>U li bl-akkwist ta' l-gherf<br>Inti tinsab 'il fuq minn din id-dghufija<br>Ferm 'il boghod milli tingheleb minn xi dwejjaq<br>Nemmen li se taghmel l-almu tieghek sabiex<br>Tappoggja t-talba tieghu u bl-approvazzjoni tieghek<br>Timbotta l-mument hieni taz-zwieg taghna<br>Nitolbok taghmilha, u sabiex nibdew nahdmu fuqha … |
| Armande | L-ispirtu fqir tieghek jasal biex jinbex<br>Gej minn qalb li int gbart wara li minni ntramiet |
| Henriette | Mormija kif inhi dil-qalb, ma tista' qatt tasal qrib li twegga'<br>U li kieku stajt terga' tiksibha billi ghajnejk sal-art jinzlu<br>Kienu b'kumdità kbira sahansitra jitbaxxew |
| Armande | Minix ser naqa' daqshekk baxx biex inwiegeb<br>Huma diskorsi stupidi li wiehed m'ghandu lanqas jisma' |
| Henriette | Tant ahjar ghalik li mintix<br>iggieghlna naraw xi xempju ta' moderazzjoni li nistghu naghrfu |

# L-EWWEL ATT

## IT-TIELET XENA

*CLITANDRE, HENRIETTE*

| | |
|---|---|
| Henriette | L-istqarrija sinciera tieghek ma tantx issorprendietha |
| Clitandre | Sincerità bhal dik dahlet ghaliha wahedha<br>U dawn il-hsibijiet elevati kollha tal-kburija mignuna taghha<br>Jishoqqilhom xejn inqas mis-sincerità tieghi<br>Izda jekk tippermettili, ser immur ghand missierek Madame |
| Henriette | L-iktar importanti huwa li tirbah ‘l ommi<br>Missieri huwa minn dak it-tip li jaqbel ma’ kollox<br>Imma hu ma tantx jikkonfondi ghal dak li ddecieda<br>Ircieva mis-sema certa tjubija tar-ruh<br>Li tpoggieh lest sabiex joqghod ghal dak li trid martu<br>Hi li tiddikjara b’mod assolut dak li ddecidiet.<br>Nixtieq verament narak ghalija u ghal ziti<br>Ruh, nistqarr mieghek, ftit iktar certa minnha nnifisha<br>Spirtu li, filwaqt li jinbxilhom l-istravaganza taghhom<br>U li jhallik ta’ l-istima taghhom tatratta l-affezzjoni |
| Clitandre | Qalbi qatt ma rnexxielha, tant kemm twieldet sinciera,<br>lanqas fil-konfront t’ohtok tfahhar il-karattru taghhom<br>u n-nisa mlahhqin mhux li huma l-favoriti tieghi<br>Jien naqbel li mara jkollha gharfien fuq kollox<br>Izda ma rridhiex assolutament b’dik il-passjoni xokkanti<br>Li ssir mara gharfa sakemm issir gharfa biss, xejn iktar,<br>u togghobni verament jekk xi minn daqqiet, meta twiegeb ghal mistoqsijiet,<br>tkun taf tinsa l-affarijiet li taf,<br>mill-studji taghha fl-ahhar minn l-ahhar irridha tinheba,<br>u li tkun gharfa minghajr ma tkun trid turi ‘l kulhadd<br>minghajr ma tikkwota l-awturi<br>minghajr ma titkellem kliem tqil u ttambar ix-xjenza<br>Jien nirrispetta hafna lill-ghaziza ommok<br>Izda ma nista’ qatt naqbel mal-fissazzjoni taghha<br>U nsir l-eku ta’ dak li tghid int |

| | |
|---|---|
| | Ghal ftahir li taghti lill-eroj taghha tal-ispirtu<br>Dan il-Monsieur Trissotin taghha jqabbadni dieqa, huwa piz ghalija,<br>u tqabbadni n-nervi naraha tinhall wara ragel bhal dak<br>li tpoggihulna mal-figuri l-kbar u s-sbieh<br>cuc li kulhadd, kullimkien, iwaqqghalu ghac-cajt lil kitbietu<br>fahhari li tieghu tara kitba zejda u futili<br>karti li jbellaghhom lil min l-inqas iridhom u<br>li jinsabu mormija ma' l-art tas-swieq kollha |
| Henriette | Il-kitbiet tieghu, id-diskorsi tieghu,<br>kollox insib tedjanti<br>Jien ta' l-istess fehma tieghek, naraha bl-istess mod,<br>imma ladarba fuq ommi ghandu setgha kbira<br>trid tara kif taghmel taqbel mieghu b'xi mod<br>min ihobb verament jaghmel il-bejta tieghu fejn qalbu ntrabtet<br>Hemm bzonn li ta' kulhadd nirbhu s-simpatija<br>U, biex ma jkollna 'l hadd ibaqbaq kontrina<br>Jekk hemm bzonn trid tinghogob sahansitra mal-kelb tat-triq. |
| Clitandre | Veru, ghandek ragun,<br>imma Monsieu Trisottin ibejjitli fil-fond ta' qalbi dieqa kbira,<br>Ma nistax naqbel mieghu biex nigbed is-simpatija tieghu<br>Li nohloq dizunur ghalija nnifsi billi naccetta kitbietu.<br>Huwa permezz taghhom li l-ewwel darba sirt nafu,<br>u stajt inkun naf x'inhu qabel ma rajtu.<br>Jien qed nghix, fl-imbarazz tal-kitba li qed jaghtina,<br>dak li, ta'persuna pedantika li hu, jiffanfra bih ma' kullimkien<br>L-elevazzjoni kostanti tal-prezunzjoni tieghu,<br>Din ic-certezza zejda li ghandu dwaru nnifsu,<br>dan in-nuqqas ta' dubju, stat ta' kunfidenza estrema fil-kwalitajiet tieghu nnifsu<br>li jgieghluh il-hin kollu jitbissem dwaru innifsu,<br>li jgieghlu bla heda jifrah bl-istess unuri tieghu<br>Li l-hin kollu jara s-sabih f'kull ma jkun kiteb,<br>u li ma jibdel ma' xejn dan l-unur, lanqas mal-unuri kollha ta' general ta' l-armata |
| Henriette | Irid ikollok ghajnejk tassew tajbin biex tara da' kollu |
| Clitandre | Sa mill-bidu nett li sirt naf b'kitbietu,<br>u rajt, mill-versi li jitfghalna, |

| | |
|---|---|
| | minn liema arja kellu jkun maghmul il-poeta<br>u tant kont qtajt tajjeb it-tendenzi kollha tieghu<br>li, filwaqt li ltqajt ma' ragel, darba fost l-ohrajn, il-Qorti,<br>stajt inpoggi rasi taht mannara li kien Trisottin innifsu,<br>u kkonfermajt illi dak kollu li dwaru kont immaginajt kien kollu minnu<br>XXX |
| Henriette | X'rakkont! |
| Clitandre | Le! Qed nghid l-affarijiet kif graw<br>Imma issa sejjer nara lil zitek.  Aqbel mieghi, s'il vous plaît,<br>li qalbi lilha tiddikjara taghna l-misteru<br>u li taghha nirbhu s-simpatija flimkien ma' dik tal-ghaziza ommok |

# L-EWWEL ATT

## IR-RABA' XENA

*CLITANDRE, BELISE*

| | |
|---|---|
| Clitandre | Nitolbok, sabiex nghidlek, madame, li mahbub<br>Jahtaf l-okkazjoni ta' dal-mument sabih<br>U jistqarr mieghek fjamma sinciera ... |
| Bélise | Ah! Bil-mod s'il vous plait!  Attent milli toffrili zzejjed din ruhek<br>Kieku ridt inpoggik mal-mahbubin tieghi hekk kont naghmel!<br>Ikkuntenta biss billi tghidli dan biss permezz t'ghajnejk<br>U tispjegalix dan b'ebda ilsien iehor<br>Gibdiet li f'ghajnejja jidhru bhala atti ta' mohqrija.<br>Hobbni, inghi, hoss l-imhabba kollha li ghandek thoss ghal sbuhiti<br>Basta thallini ma naf b'xejn<br>Inkun nista' naghlaq ghajnejja ghal dawn il-fjammi mistura<br>Sakemm toqghod lura milli tlehhen karbiethom<br>Imma jekk il-halq jibda permezz taghhom bla permess jisfa |

| | |
|---|---|
| | Darb' ghal dejjem mill-vista tieghi jkolli naqtghek |
| Clitandre | Tiehux qatgha mill-fasliet ta' qalbi<br>Henriette, Madame, hija dik li serqitli mhabbti,<br>u ghalhekk gejt b'hegga liema bhalha nitlob lit-tjubija tieghek<br>li ssahhah l-imhabba li jien ghandi lejn sbuhitha |
| Bélise | Ah! Certament!  Qed iddur mal-lewza fejn jidhol l-ispirtu, nistqarr<br>Dan il-mod qarrieqi sottili jisthoqqlu kull fohrija,<br>u mir-rumanzi kollha li fuqhom tfajt ghajnejja,<br>qatt ma naf li ltqajt ma' xi haga daqshekk ingenjuza |
| Clitandre | Dan mhux assolutament aspett ta' l-ispirtu, madame,<br>huwa stqarrija pura ta' dak li ghandi fir-ruh<br>Is-smewwiet, b'rabtiet ta' l-imhabba li xejn ma jista' jcaqlaq,<br>mas-sbuhija ta' Henriette rabtu 'l qalbi<br>Henriette qed izzommni taht il-hakma taghha<br>U z-zwieg maghha huwa dak li rrid nikseb<br>Inti ghandek hafna setgha fuq dan, u dak li nixtieq minghandek,<br>huwa li inti tikkonsentixxi li tiffavorixxi x-xewqat tieghi |
| Bélise | Qed ninduna fejn trid tasal it-talba tieghek helu, helu<br>U naf x'hemm bzonn li nifhem b'dan l-isem<br>Ix-xbieha hija wahda tas-sengha u sabiex ma nahrabx minnha,<br>Mill-hwejjeg li qalbi toffri li tirreciproka<br>Se nghid li Henriette lejn l-imhabba hija ribelli<br>U li m,ghandek tippretendi xejn lura<br>Ghal imhabbtek li tahraq ghaliha |
| Clitandre | Eh!  Madame!  X'gid jaghmlu kumplikazzjonijiet bhal dawn?<br>U ghalxiex tixtieq toqghod tahseb f'dak li fil-fatt m'huwiex? |
| Bélise | Mon Dieu! M'hemmx ghalfejn dan il-kjass : ieqaf milli tiddefendi lilek innifsek,<br>Minn dak li l-hars tieghek kemm-il darba gieghluni nifhem,<br>Huwa bizzejjed li wiehed jikkuntenta billi semplicement jerga' lura<br>Liema sengha hi din li biha mhabbtek issawret?<br>U li, wara l-wicc fejn ir-rispett satarha<br>Nista' semplicement nirrassenja ruhi li nsofri x-xhieda taghha, |

| | |
|---|---|
| | Sakemm dawn l-emozzjonijiet, imnebbha mill-unur,<br>Ma joffrux lill-artali tieghi hlief xewqat safja. |
| Clitandre | Imma … |
| Bélise | Adieu.  Ghallum, dan ghandu jkun bizzejjed,<br>U ghedtlek iktar milli fil-fatt kelli nghidlek … |
| Clitandre | Imma, l-izball tieghek … |
| Bélise | Halliha … ma jimpurtax.  Bhalissa qed jihmarli wicci ... L-unur tieghi ghamel sforz wisq qawwi |
| Clitandre | Haqqni nitghallaq kieku veru kont inhobbok, ghandek tkun taf ... |
| Bélise | Le, le, m'hemmx ghalfejn intawluha aktar fuq hekk ...ma rridx nisma' aktar ... |
| Clitandre | Ix-xjafek  x'genn ghandha fl-immaginazzjoni taghha!<br>Flieles bhal dawn minn dahhalhomlha f'rasha?<br>Ha nsibu 'l xi hadd iehor lil min nitolbu l-ghajnuna<br>U nsibu bniedem rasu fuq ghonqu hafna iktar min jghinna. |

# IT-TIENI ATT

## L-EWWEL XENA

*ARISTE*

| | |
|---|---|
| Ariste | Iva, naghtik risposta lura mill-iktar fis possibbli.<br>Naghfas, ninsisti, naghmel dak kollu li hemm bzonn,<br>Li mahbub, ghal kelma, ghandu xi affarijiet xi jghid,<br>u li fuq ix-xwiek ikun biex jikseb dak li jixtieq! |

| | |
|---|---|
| | Qatt ... |

# IT-TIENI ATT

## IT-TIENI XENA

*CHRYSALE, ARISTE*

| | |
|---|---|
| Ariste | Ah!  Alla jzomm idejh fuqek, ja hija! |
| Chrysale | Fuqek ukoll, ja hija! |
| Ariste | Taf x’gabni ‘l hawn? |
| Chrysale | Le, imma jekk hekk tixtieq, hawn qieghed ha nsir naf |
| Ariste | Lil Clitandre ilek tafu mhux hazin ... |
| Chrysale | Bla ebda dubju, u nnutajtu li qed jigi ghandna mhux hazin |
| Ariste | X’hobz jiekol, ja hija, fil-fehma tieghek? |
| Chrysale | Ragel ta’ l-unur, ta’ spirtu, ta’ qalb tajba u bil-ghaqal,<br>U ftit naf nies ta’ l-istess kalibru tieghu |
| Ariste | Kienet certa xewqa dwaru li wasslitni s’haw’<br>u qed niehu gost li qed issemmieh |

| | |
|---|---|
| Chrysale | Kont sirt naf lill-mejjet missieru fuq vjagg lejn Ruma |
| Ariste | Tajjeb hafna |
| Chrysale | Kien, ja hija, ragel fuq l-irgiel |
| Ariste | Hekk jghidu |
| Chrysale | Ma kellnix hlief tmienja u ghoxrin sena dik il-habta<br>U konna, jidhirli, it-tnejn li ahna ridt seba' ghajnejn biex tarana |
| Ariste | Nista nobsor |
| Chrysale | Konna mahbubin wisq mit-tfajliet Rumani<br>U konna maghrufin ghall-harbiet taghna, ghall-pozi taghna<br>Tant li kulhadd kien jghir ghalina |
| Ariste | Hemm hu min ikun tajjeb!<br>Imma issa ha naslu ghal dak li gabni hawn |

# IT-TIENI ATT

## IT-TIELET XENA

*BELISE diehla fil-kwiet hi u tissemma' ,*
*CHRYSALE, ARISTE*

| | |
|---|---|
| ARISTE | Clitandre, quddiemek iridni nitkellem ghalih,<br>U qalbu nsterqet mill-grazzja ta' Henriette |

| | |
|---|---|
| CHRYSALE | X'inhu minn binti? |
| ARISTE | Iva, Clitandre ssahhar warajha<br>U qatt f'ghomri ma rajt mahbub itajjar daqshekk xrar |
| BELISE | Le, le, qed nismaghkom.  Qed tinsew l-istorja,<br>U l-bicca mhix kif qed tahsbu intom. |
| ARISTE | X'jigifieri, ja oht? |
| BELISE | Clitandre qieghed jabbuza mill-innocenza taghkom,<br>U huwa minn xi hadd iehor li hija mahkuma qalbu |
| ARISTE | Qed ticcajta!  Mhux lil Henriette jhobb? |
| BELISE | Le, ninsab certa |
| ARISTE | Qalli hu stess |
| BELISE | Mmmm! |
| ARISTE | Qed tarani, ja oht, imqabbad minnu biex naghmel l-appell tieghi lil missieru llum stess |
| BELISE | Uh! Ma tarax! |
| ARISTE | U kienet l-istess imhabba tieghu li heggitni<br>Li naghfas sabiex din l-ghaqda ssehh |

| | |
|---|---|
| BELISE | Uh! Tant ahjar!  Ma setax dahaq iktar bil-gentilezza taghkom.<br>Henriette, bejnietna, hija cajta,<br>Velu ingenjuz, pretest, ja hija,<br>biex jinhbew nirien li taghhom jien naf il-misteru<br>u nixtieq minn qalbi innehhikom it-tnejn mill-izball li qed tittiehdu. |
| ARISTE | Mela, la taf tant affarijiet, ja oht,<br>Ghidilna, jekk joghgbok, min hu x-xi hadd iehor li jhobb |
| BELISE | Tridu tkunu tafu? |
| ARISTE | Iva.  Xhiex? |
| BELISE | Lili |
| ARISTE | Lilek? |
| BELISE | Lili kollni kemm jien |
| ARISTE | Ha ha ha, ja oht! |
| BELISE | Xi trid tghid biha din il-ha ha ha?<br>X'ghandu hazin diskorsi?<br>Jien imdawra b'arja, nahseb, li nista' nghid<br>Li tant qlub inhakmu mill-imperu tieghi<br>U Dorante, Damis, Cleonte u Lycidas<br>Wahedhom juru li ghandi certu faxxinu |
| ARISTE | Dawn li semmejt tqanqlu ghalik? |
| BELISE | Iva, bil-qawwa<br>taghhom kollha |

| | |
|---|---|
| ARISTE | Hekk qalulek? |
| BELISE | Hadd ma ha dik il-kunfidenza kollha,<br>kienu jafu jahbuha tant tajjeb sal-gurnata tal-lum<br>tant li qatt ma lissnuli kelma dwar imhabbithom<br>Imma, sabiex joffruli qalbhom u jwighedunis-servizzi taghhom,<br>ix-xhieda siekta taghhom ghamlet dak kollu li kien hemm bzonn isir |
| ARISTE | Imma Damis kwazi qatt ma jersaq ‘l hawn |
| BELISE | Dak biex jurini rispett iktar imrazzan |
| ARISTE | U Dorante ... Dorante jitfaghlek kliem insulenti ma’ kullimkien |
| BELISE | Dawk m’humiex hlief rizultat ta’ fjamma sserrep mill-ghira tbaqbaq |
| ARISTE | Cleonte u Lycidas it-tnejn li huma zzewgu |
| BELISE | Dak bid-disperazzjoni li fiha rriducejtilhom imhabbithom |
| ARISTE | Fil-fehma tieghi, ja oht, kollox frott l-immaginazzjoni ta’ mohhok |
| BELISE | Ah!  Qed nimmagina?  Nimmagina, hekk qed tghid?<br>Immaginazzjoni, jien?  Immaginazzjoni, tghid mhux hekk!<br>Qed jogghobni l-mod kif qed ticcajta dwar l-immaginazzjoni, ja huti,<br>U jien lanqas biss kont naf li ghandi immaginazzjoni! |

## IT-TIENI ATT

## IR-RABA' XENA

*CHRYSALE, ARISTE*

| | |
|---|---|
| CHRYSALE | Ohtna qed titlaq, veru. |
| ARISTE | Kuljum, mill-hazin ghall-aghar...<br>Imm'issa ejja ha nergghu ghal dak li konna qed nghidu<br>Clitandre qed jitolbok lil Henriette bhala martu<br>Ara x'risposta se naghtih tal-huggiega ta' mhabbtu |
| CHRYSALE | Hemm ghalxiex wiehed jistaqsi?<br>Naqbel b'qalbi kollha u nhares lejn ir-rabta b'unur partikulari. |
| ARISTE | Int taf li buqxiex m'hemmx fhiex wiehed jitfixkel, li ... |
| CHRYSALE | Uuuu ... dawk affarijiet li ma tantx huma ta' mportanza<br>Hu ghani fil-virtù, huwa dak li verament jiswa .. it-tezor<br>U wara kollox jien u missieru konna qisna d-dì u d-dò |
| ARISTE | Iss' ejja nitkellmuha ma' martek u naraw li ngibuha maghna |
| CHRYSALE | Bizzejjed, jien naccettah bhala hatni ??? |
| ARISTE | Iva imma biex nirrinfurzaw il-kunsens tieghek<br>Ja hija, ikun ahjar jekk ikollna taghha wkoll<br>Tlaqna ... |
| CHRYSALE | Qed ticcajta? M'hemmx ghalfejn ... nitkellem ghaliha jien ... u niehu l-bicca xoghol fuq spallejja ... |
| ARISTE | Imma ... |

| | |
|---|---|
| CHRYSALE | Halliha qed nghidlek u taghtix kas .. issa nghidilha jien x'gara u ma garax ... |
| ARISTE | Jien se nitla' sa fuq  inkellem lil Henriette tieghek u nerga lura halli nkun naf ... |
| CHRYSALE | Din bicca xoghol lesta<br>U jien ha mmur ghand marti ha nghidilha minnufih |

# IT-TIENI ATT

## IL-HAMES XENA

*MARTINE, CHRYSALE*

| | |
|---|---|
| MARTINE | Araha x-xorti tajba li ghandi jien!  Sewwa jghidu ... min irid jehles mill-kelb tieghu, jakkuzal li mhux xi gost |
| CHRYSALE | X'gara mela? X'ghandek Martine? |
| MARTINE | X'ghandi? |
| CHRYSALE | Eh |
| MARTINE | Li llum tkeccejt ! |
| CHRYSALE | Tkeccejt? |
| MARTINE | Iva. Is-sinjura keccietni. |

| | | |
|---|---|---|
| CHRYSALE | Imma jien ma naf b'xejn. Kif? | |
| MARTINE | Jekk ma nitlaqx 'il barra hedditni li mitt daqqa se naqla' | |
| CHRYSALE | Le, inti tibqa' maghna ... jien kuntent bik. Marti mhux l-ewwel darba jkollha rasha shuna .. imma jien ma rridx ... jien | |

# IT-TIENI ATT

## IS-SITT XENA

*PHILAMINTE, BELISE, CHRYSALE, MARTINE*

| | | |
|---|---|---|
| PHILAMINTE *(hi u tara lil Martine)* | X'inhu! Ergajt gejt quddiem ghajnejja .. ja minghul li int! Igrili 'l barra ja xifajk! Itlaqli minn hawn gew u tergax tigi qatt iktar quddiem ghajnejja | |
| CHRYSALE | Ow, ow, naqra iktar bil-hlewwa | |
| PHILAMINTE | Le, nqatghet iz-zarta! | |
| CHRYSALE | Eh? | |
| PHILAMINTE | Irridha tohrog 'il barra minn hawn | |
| CHRYSALE | Imma x'ghamlitlek biex jisthoqqilha titlaq? | |
| PHILAMINTE | X'inhu? Qed taqbez ghaliha? | |
| CHRYSALE | Bl-ebda mod! | |

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | Taqbel maghha kontra tieghi? |
| CHRYSALE | Mon Dieu! Le, kull ma qed naghmel huwa li nitolbok tghidli x'ghamlet hazin … |
| PHILAMINTE | Tahseb li se nkecciha minghajr raguni valida? |
| CHRYSALE | M'inix qed nghid hekk imma jehtieg li lin-nies taghna … |
| PHILAMINTE | Le, ghandha titlaq qed nghidlek, minn hawnhekk |
| CHRYSALE | E … tajjeb mela. Hemm xi hadd li qed jghidlek li m'ghandikx taghmel hekk? |
| PHILAMINTE | Ma rridx min jipprova jaghmilli l-bsaten fir-roti ghal dak li nixtieq … |
| CHRYSALE | Sewwa! Kollox sew! |
| PHILAMINTE | U int taf x'imissek taghmel ta' ragel rasu fuq ghonqu li suppost int? Izzomm mieghi kontra |
| CHRYSALE | Hekk qed naghmel *(idur fuq Martine)* Veru, marti ghandha ragun tkeccik, ja xifajk, u ghem |
| MARTINE | X'inhu li ghamilt imma? |
| CHRYSALE | *(b'lehen baxx)* jien ma nafx |
| PHILAMINTE | Hi dak it-tip … li qas biss tinduna |
| | |
| CHRYSALE | Allura x'kien biex tellghathomlok daqshekk, kissret xi mera jew procellana? |

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | U kieku se nkecciha? Tahseb li fuq xi haga hekk se nirrabja daqshekk? |
| CHRYSALE | *(lil Martine)* Xi trid tghid biha?<br>*(lil Philaminte)* Eh! Mela xi haga kbira! |
| PHILAMINTE | Ghandek xi dubbju? X'qed tahsibni mignuna? |
| CHRYSALE | Halliet, bit-traskuragni taghha, xi buqar jew xi platt tal-fidda jinsteraq minn ghandna? |
| PHILAMINTE | B'hekk kieku ma jkun gara xejn ... |
| CHRYSALE | *(lil Martine)* O! O! Ja minghul! Iz-zghira eh!<br>*(lil Philaminte)* X'inhu ? Qbadtha tigdeb? |
| PHILAMINTE | Aghar minn da' kollu ... |
| CHRYSALE | Aghar minn da' kollu? |
| PHILAMINTE | Aghar |
| CHRYSALE | X'inhu, ja halliela! Ja xifajk! Ghamlet … |
| PHILAMINTE | Hija, b'insulenza li ma tista' tqabbilha ma' xejn ... wara xejn inqas minn 30 lezzjoni, offen taghha …b'mod li bla dubbju ta' xejn joffendi dak kollu li thabat biex isewwi l-istudjuz Va |
| CHRYSALE | Il-mnieghel! |
| PHILAMINTE | X'inhi di' li minkejja t-tgergir taghna, dejem tkisser il-pedamenti tax-xjenzi kollha ... tibdel jbiddlu u taghmel dan kollu b'wiccha minn quddiem bla ma tobdi r-regoli qaddisa ... |

| | |
|---|---|
| CHRYSALE | Hsibt li ghamlet delitti ikbar minn hekk … |
| PHILAMINTE | X’inhu? Ma tahsibx int ukoll li dan huwa delitt li ma jistax jinhafer? |
| CHRYSALE | Hekk hu |
| PHILAMINTE | Hekk hemm bzonn narak imma … tiskuzaha! |
| CHRYSALE | Mhux dak li kelli f’mohhi! |
| BELISE | Veru li kull ma huma affarijiet zghar imma kull binja tal-lingwa tara kif taghmel biex tfarra<br>darba ... |
| MARTINE | Dak kollu li tippridkaw intom, nahseb, hu sabih u tajjeb,<br>Imma jien qatt m’inhi se nkun kapaci nitkellem id-djalett taghkom! |
| PHILAMINTE | L-imprudenti!  Li ssejjah djalett lingwa msejsa fuq ir-raguni u l-uzu t-tajjeb! |
| MARTINE | Ladarba jiftiehem titkellem kif titkellem kollox jghaddi ... dawn ir-regoli li m’hemmx taghk |
| PHILAMINTE | E! Din ohra ... m’hemmx taghkom ma jservu ghalxejn! |
| BELISE | O! Ja mohh primittov li int!  Hemm bzonn li bil-pacenzja li niehdu l-hin kollu bik, xorta wa<br>“m’hemmx”  ma “xejn” u tirrepetiha jigi zball doppju<br>U kif ghednielek ... jigi negattiv wisq |
| MARTINE | Mon Dieu! Ahna ma studjajniex bhalkom ... u jien nitkellmu ezatt kif jitkellem minn taghna |
| PHILAMINTE | Ah! Tista’ tissaportiha? |
| BELISE | Xi zbalji grammatikali orribbli! |

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | Hemm arah ... bizzejjed biex widna sensibbli toqtolha! |
| BELISE | L-ambizzjoni tieghek, hija baxxa wisq<br>"Jien" hija singulari, "nitkellmu" hija plural<br>X'ha taghmel .. ha tibqa' hajtek kollha toffendi l-"gramaire"? |
| MARTINE | Min jitkellem fuq li toffendi l-"grand-mère" u mhux lill-"grand-père" |
| PHILAMINTE | O ciel! |
| BELISE | Grammaire qed tifhimha hazin int! u diga' fehmtek minn fejn gejja din il-kelma. |
| MARTINE | Ghalija, tigix minn Chaillot, minn Auteuil jew minn Pontoise, xejn ma jimpurtani. |
| BELISE | X'tip ta' spirtu rahli! Il-"grammaire" tal-verb u tas-suggett, dik ta' l-aggettiv bis-substantiv |
| MARTINE | Jien, Madame, ma nafhomx dawk l-affarijiet |
| PHILAMINTE | X'martirju! |
| | |
| BELISE | Huma il-mod kif insejhu l-kliem, u wiehed irid joqghod attent biex jara minn fen gejjin biex |
| MARTINE | Jaqblux jew jistunawx x'ala biebi |
| PHILAMINTE | *(lil oht zewgha)* oh mon Dieu! Aqtghuha!<br><br>*(lil zewgha)* ma tridx, int, tohrogieli 'l barra? |
| CHRYSALE | *(fil-genb)* Si fait XXX. Mall-kapricc taghha, hemm bzonn naqbel,<br>Itlaq, tinnervjahiex ; iccaqlaq Martine |

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | X'inhu? Qed tibza' toffendi vroma bhal dik?<br>Tkellimha b'ton qisek qed tiskuza ruhek! |
| CHRYSALE | *(b'vuci gholja)* Jien. Mela mhux hekk! Ejja, barra, barra-<br><br>*(b'vuci baxxa)* Mur, hanini, m'hemmx x'taghmel. |

# IT-TIENI ATT

## IS-SEBA' XENA

*PHILAMINTE, BELISE, CHRYSALE*

| | |
|---|---|
| CHRYSALE | Hemm ara, kuntenta, telqet,<br>imma ma jfissirx li naqbel li ggieghelha titlaq hekk :<br>hija tifla tajba f'dak li taghmel,<br>u int tkecciha ghal cucata bhal dik |
| PHILAMINTE | Xi trid? Li tkun fis-servizz tieghi ghal dejjem,<br>biex tweggghali widnejja bla heda,<br>biex tkisser kull ligi tal-uzu u tar-raguni<br>minn barbara mahkuma minn tunnellata vizzji ta' l-orazzjoni<br>minn kliem tqil uzat hazin, tlaqlaqhom flimkien ma'<br>proverbji mdammin fl-ilma qieghed tas-swieq |
| BELISE | Veru wiehed joghroq jisma' dan id-diskors<br>Tbiccer lil Vaugelas kuljum<br>U l-inqas dnubiet ta' dil-lingwa vulgari<br>Mhumiex ghajr repetizzjoni zejda u hsejjes koroh tal-lingwa |
| CHRYSALE | X'jimporta li mhix tajba fir-regoli ta' Vaugelas<br>Sakemm ma tizbaljax fil-kcina?<br>Ghalija jkun ahjar li torqom tajjeb il-hwawar taghha<br>Iva, forsi tpoggi hazin in-nomi mal-verbi<br>Kelma hazina tghidha mitt darba<br>Imma iktar jimpurtani li ma tahraqlix il-laham jew titfa' zzejjed melh fil-gamm<br>Jien bis-soppa tajba nghix mhux bil-kliem sabih<br>Vaugelas mhux kif taghmel minestra tajba jghallem |

| | |
|---|---|
| | U Malherbe u Balzac, kienu jafu kemm kienu jafu kliem sabih,<br>fil-kcina, forsi, kienu mic-cwiec. |
| PHILAMINTE | O! Kemm hu xokkanti diskors vulgari bhal dan!<br>U x'nuqqas ta' dinjita', ghal xi hadd li jissejjah bniedem<br>Li toghdos minghajr heda ghal attivitajiet materjali<br>Minflok ma timrah 'il fuq lejn dak li hu aktar spiritwali!<br>Il-gisem huwa ta' xi mportanza,<br>tant li jisthoqqlu prezz li tahseb fuqu biss?<br>M'ghandniex ghal mument inhallu hsibijiet bhal dawn naqra 'l boghod? |
| CHRYSALE | E, veru, gismi huwa jien, u rrid niehu hsiebu<br>Zaqqi, jekk trid tghidilha hekk, zaqqi hija ferm ghal qalbi |
| BELISE | Il-gisem huwa biss ma' l-ispirtu li jaghmel persuna, ja hija<br>Imma, jekk temmen f'hekk id-dinja kollha ta' l-ghorrief,<br>l-ispirtu hemm bzonn li jigi dejjem pass qabel il-gisem,<br>u dak li l-aktar ghandna niehdu hsieb, l-ewwel sforz taghna,<br>huwa li nitimghuh mill-gelu tax-xjenza. |
| CHRYSALE | Kif nifhimha jien, dak li titimghu l-ispirtu taghkom,<br>Dak huwa laham li ma jxebbax,<br>u m'ghandkomx ghalfejn tiehdu hsieb xejn, u xejn tahbil ir-ras, biex ... |
| PHILAMINTE | A! "Tahbil ir-ras" ghal widnejja hija hamalla,  hija kelma li ilu li ghadda zmienha |
| BELISE | Veru li hija kelma antika |
| CHRYSALE | Tridu li nghid ..?  hemm bzonn li fl-ahhar minn l-ahhar<br>Innehhi l-maskra u nobsoq naqra mill-velenu<br>Kulhadd qed jahseb li qed titilfu mohhkom u issa gbajt naqla' go fija |
| PHILAMINTE | Dan x'qed jghid? |
| CHRYSALE | *(lil Belise)*  Ha nibda bik, ja oht.<br>Mal-izghar zball tal-kliem |

| | |
|---|---|
| | Imma inti stess taghmel affarijiet strambi biex tasal ghall-punt<br>Il-kotba eterni taghkom ma joghgbunix<br>U nistenna kittieb kbir bhal Plutark jghaffighomkom<br>Tistghu titfghuhom kollha ghall-hruq<br>U thallu x-xjenza f'idejn it-tobba tar-rahal<br>Nehhu min-nofs dat-teleskopju kbir<br>Din il-lenti twila tant li tbezza' n-nies<br>U mitt bicca racanc li iktar iwahhxu milli jserrhu l-ghajn<br>Li ma tmurx tfittex dak li jsir fuq il-qamar<br>U li tahsbu ftit fuq li dak li qed jigri madwarkom<br>Fejn qed naraw kollox ta' taht fuq<br>Mhux sewwa, ghal ragunijiet differenti,<br>Li mara tistudja u taf hafna affarijiet<br>Li tifforma skond drawwiet tajba l-ispirtu tat-tfal taghha<br>Taghti sehmha fix-xoghol tad-dar, tiehu hsieb is-sefturi,<br>U tikkalkula l-ispejjez<br>Dawn iridu jkunu l-vera studji u filosofiji taghha.<br>Missirijietna, f 'dan is-sens, kienu nies li jafu x'inhuma jaghmlu,<br>Li kienu jemmnu li mara taf dejjem bizzejjed<br>Meta l-kapacita' ta' l-ispirtu taghha toghla<br>Li taghraf dublett minn qalziet<br>In-nisa taghhom ma kienux jaqraw, imma kienu jghixu sewwa<br>Xoghlhom fid-dar kien il-filosofija taghhom<br>U l-kotba taghhom, il-holqa, il-hajta u erba' labriet,<br>fejn kienu jahdmu d-dota tat-tfajliet taghhom.<br>In-nisa tal-lum huma ferm 'il boghod minn dawn id-drawwiet ;<br>iridu jiktbu u jsiru kittieba,<br>l-ebda xjenza m'hija profonda bizzejjed ghalihom<br>u hawn ferm iktar minn kwalunkwe post iehor fid-dinja<br>l-oghla sigrieti huma maghrufa<br>u f'dari kulhadd jaf kollox, minbarra dak li suppost ikunu jafu.<br>Jafu kif jimxi l-qamar, l-isilla polari,<br>Venere, Saturn u Mars, li ma tantx inhabbat rasi fuqhom<br>U f'dan l-gharfien vojt kollu, li wiehed imur ifittex tant 'il boghod,<br>ma tafux kif inhu l-ikel, li verament ghandi bzonn.<br>Is-sefturi tieghi jaspiraw ghax-xjenza biex joghgbukom,<br>u kulhadd spicca ma jaghmilx dak li qed hawn biex jaghmel,<br>li nirragunaw ghandu jkun ix-xoghol tad-dar kollha tieghi,<br>u r-ragunament jaqta' barra kull raguni.<br>Xi hadd jahraqli l-ikel ghax kien qed jaqra ktieb<br>l-ohra tohlom bil-poeziji meta jien kull ma tlabt xi haga x'nixrob<br>fl-ahhar mill-ahhar nara fihom l-ezempju taghkom ikaxkarhom,<br>u spiccajt bil-qaddejja u minix moqdi,<br>kien ghad baqghali seftura wahda biss<br>li kienet ghadha mhix imniggsa minn din l-arja marradija<br>u hekk hu tkeccuha fost dan l-ghageb kollu |

| | |
|---|---|
| | ghax ma rnexxielhiex titkellem skond Vaugelas<br>Ha nghidlek, ja oht, dan l-agir iweggghani<br>Ghax huwa lilek, kif diga' ghedt, li qed inkellem<br>Jien nies li jiddelettaw bil-latin ma nnizzilhomx<br>U fuq kollox dan is-sur Trissotin<br>Kien hu li bdielkom l-istorja bil-vrus tieghu<br>Il-poeziji kollha tieghu mhumiex hlief stupidagnijiet<br>Wiehed jipprova jifhem kliemu wara li jkun tkellem<br>U huwa hemmhekk li jgaghlni nemmen li, ghalija, ghandu mohhu naqra spissjat |
| PHILAMINTE | X'bassezza, o ciel, tar-ruh u tal-lingwa! |
| BELISE | Jista' bniedem juza dawn il-vulgaritajiet kollha tal-gisem<br>Spirtu maghmul minn atomi daqshekk tat-triq?<br>U gej minn l-istess demm tieghi?<br>Naqta' idi barra biex ma nghidx li nigu minn xulxin<br>U f'din l-ghagha kollha arani sejra 'l barra |

# IT-TIENI ATT

## IT-TMIEN XENA

*PHILAMINTE, CHRYSALE*

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | Ghad baqghalek x'taqla' minn fuq l-istonku? |
| CHRYSALE | Jien? Le. Ma nergghux naqbduha. Kollox ghadda. Ghandna affarijiet ohra fuq hiex nitkellmu. Lit-tifla l-kbira tieghek<br>Jidher li tistkerrah xi ftit iz-zwieg<br>Wara kollox hija filosfa, u ghaldaqshekk ma nghid xejn,<br>Dixxiplinata hafna, u ghandek bzonn tiftahar<br>Imma ohtha z-zghira qatgh'ohra<br>U nemmen li ghandna nsibulha s-sieheb taghha<br>Naghzlulha ragel |
| PHILAMINTE | Din diga' hsibtha<br>U nixtieq naqsam mieghek x'ghandi f'mohhi.<br>Dan Monsieur Trisottin, li qed nigu mghajra mhabba fih,<br>u li m'ghandux l-unur li jkollu l-istima tieghek<br>huwa dak li jien nahseb u huwa r-ragel li jixirqilha<br>u jien naf hafna aktar minnek x'jaqbel li jsir.<br>Li ma taqbilx mieghi jkun kollu ghalxejn,<br>u f'dak li ghandu x'jaqsam ma kif nahsibha jien, m'hemmx x'wiehed jiddiskuti<br>ghallinqas, tghid xejn dwar min ghazilna bhala ragel,<br>nixtieq nitkellem ma' bintek quddiemek.<br>Ghandi r-ragunijiet tieghi sabiex nwassalha taqbel mieghi,<br>u jkun hafna ahjar jekk int tkun taf ukoll. |

# IT-TIENI ATT

## ID- DISA' XENA

*ARISTE, CHRYSALE*

| | |
|---|---|
| ARISTE | Allura? Martek harget, ja hija, u jidher car li ghadkom kif thaddittu |

| | |
|---|---|
| CHRYSALE | Iva |
| ARISTE | X'hareg?  Se jkollna lil Henriette f'idejna?  Qablet?  Il-lixka gewwa? |
| CHRYSALE | Xejn affattu |
| ARISTE | M'accettatx? |
| CHRYSALE | Le |
| ARISTE | Trid tahsibha? |
| CHRYSALE | Xejn affattu |
| ARISTE | Allura x'inhi l-bicca? |
| CHRYSALE | Il-bicca hi li tixtieq ragel iehor bhala hatni |
| ARISTE | Ragel iehor? |
| CHRYSALE | Iehor. |
| ARISTE | Li jismu? |
| CHRYSALE | Monsieur Trissotin |
| ARISTE | X'inhu ... dal-Monsiuer Trissotin ... |
| CHRYSALE | Li dejjem mohhu fil-vrus u l-latin |

| | |
|---|---|
| ARISTE | U int accettajt? |
| CHRYSALE | Jien?  Alla jiddelibrani! |
| ARISTE | X'irrispondejtha? |
| CHRYSALE | Xejn, u ma jiddispjacinix li m'ghedt xejn, biex ma nindahalx. |
| ARISTE | Ir-raguni sabiha kieku, u ghamilt bicca xoghol ta' ragel kieku. Imma ghallinqas fuq Clitandre tarraftilha xi haga? |
| CHRYSALE | Le : ghax malli rajt li qed titkellem dwar haddiehor,<br>Ghedt ahjar ma ngebbidhiex |
| ARISTE | U zgur!  Il-prudenza tieghek hija wahda rari ghall-ahhar!<br>Ma tisthix tkun daqshekk artab?<br>U jista' qatt jigri li ragel ikun daqshekk fragli li jhalli f'idejn martu poter daqshekk assolut u ma jippruvax jiddefendi almenu dak li diga' ddecieda dwaru? |
| CHRYSALE | Mon Dieu, qed titkellem fuq il-bicca xoghol, ja hija, daqslikieku kienet xi haga facli<br>Ma tafx ghandujkun kemm ibaqbaqni l-inkwiet<br>Jien li kien ghalija nhobb is-serhan, is-sliem u l-hlewwa<br>U marti hija terribbli bil-burdati taghha<br>Ma' l-ismijiet tal-filosfi tilghabhielhex<br>Imma hi m'ghandhiex iktar pacenzja ghal dawn l-affarijiet<br>U l-morali taghha, il-hin kollu lesti sabiex ikasbru dak li hu tad-dinja<br>Fuq ix-xafra ta' lsiena johrog qisu m'hu xejn<br>Ma l-inqas oppozizzjoni li wiehed jofrilha ghal dak li ddahhal f'mohhha<br>Ghandek tmint ijiem burraxki ma jieqfu xejn<br>Bil-kisra ta' lehinha biss ukoll ggieghlni nirtoghod<br>Ma nkunx naf fejn se naqbad naghti rasi u tkun veru qisha dragun!<br>U sa frattant, minkejja x-xjaten kollha ta' go fiha,<br>ikolli nghajtilha qalbi u gugu tieghi. |
| ARISTE | U ejja, qed ticcajta. Martek, bejnietna, |

| | |
|---|---|
| | minhabba li qed toqdilha, qed trabbi dal-pussess kollu fuqek.<br>Il-poter taghha mhux msejjes hlief fuq il-fragilita' tieghek.<br>Tort tieghek li qed tilghabha li tikkmanda kollox.<br>Int stess, f'din l-arja ta' kburija taghha, thalliha taghmel li trid,<br>u thalliha tmexxik, daqslikieku kont annimal, minn imniehrek.<br>Kif? Ma tistax tara kif qed tittrattak<br>Iddeciedi ghal darba li trid tkun veru ragel<br>Li ggieghel lilha taqbel ma' dak li tixtieq int<br>U taghmel bizzejjed kuragg biex tghid ghal darba: jien hekk irrid?<br>Se tissagrifika, bla ma terfa' suba' kontra t'hekk, lil bintek tintrikeb<br>Mill-vizjonijiet mgienen tal-familja<br>U li mill-gid kollu tieghek jispicca jsir sinjur cuc bhal dak<br>Ghal erba' kelmiet bil-latin li joqghod jirrepetilhom b'vuci gholja<br>Pedantiku li f'daqqa wahda webbel lil martek li ghandu xi ras kbira<br>Dahhlilha f'rasha li hu xi filosfu kbir<br>Ta' ragel li l-versi tieghu hadd iktar mhu ser jikteb isbah minnhom,<br>u li mhux hlief, kif jaf kulhadd, xejn minn da' kollu?<br>Isa, sforz iehor, din cajta,<br>u l-irtubija tieghek tad-dahk. |
| CHRYSALE | Veru, ghandek ragun u jien ghandi tort.<br>Tlaqna, issa daqshekk. Wasal iz-zmien li nkun iktar iebes, ja hija. |
| ARISTE | Dak li rrid nisma' jien. |
| CHRYSALE | Hija veru ta' misthija<br>Li thalli mara taghmel li trid bik |
| ARISTE | U zgur! |
| CHRYSALE | Pprofittat diga' zzejjed mill-hlewwa tieghi. |
| ARISTE | Veru |
| CHRYSALE | Gawdiet wisq minn tjubiti |
| ARISTE | Bla ebda dubbju |

| | |
|---|---|
| CHRYSALE | U llum irrid nuriha<br>Li binti hija binti, u rrid nikkmandaha jien<br>U li nsibilha ragel li jkun skond ix-xewqa tieghi. |
| ARISTE | Hekk arak issa qed taghmel sens u tkun kif nixtieqek jien! |
| CHRYSALE | Int itlaq s'ghand Clitandre la taf fejn joqghod,<br>Gibuli hawn, ja hija, mill-aktar fis possibbli. |
| ARISTE | Bilgri jekk hu ghal pass bhal dan |
| CHRYSALE | Soffrejt diga' ghal zmien twil wisq<br>U mil-lum 'il quddiem se nuri kemm jien verament ragel u fejn jista' jarani kulhadd. |

# IT-TIELET ATT

## L-EWWEL XENA

*PHILAMINTE, ARMANDE, BELISE, TRISSOTIN, LEPINE*

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | O ... ejja npoggu hawnhekk halli nkunu nistghu nisimghu sew<br>Dal-versi li kelma kelma ghandna bzonn nixtarru |
| ARMANDE | Diga' qed inhossni herqana qabel ma rajthom |
| BELISE | Min-naha tieghi, jien ma nistax nistenna izjed |
| PHILAMINTE | *(lil Trissotin)* Inhoss li kull ma johrog minnek isahharni |
| ARMANDE | Lili jqanqalli hlewwa li ma nqabbilha ma' xejn |

| | |
|---|---|
| BELISE | Ghalija huwa ikel bnin ghal widnejja |
| PHILAMINTE | Thallinix nitmermer fl-istennija ghal dawn ix-xewqat daqshekk herqana |
| ARMANDE | Ghaggel |
| BELISE | Haffef u fittex dewwaqna dal-pjacir |
| PHILAMINTE | Ghall-herqa taghna ddedika l-epigramma tieghek |
| TRISSOTIN | *(lil Philaminte)* Hélas! Hija tarbija ghadha titwieled, madame,<br>Li kienet ghaliha, zgur, li tixtieq tmisskom,<br>u huwa propju fil-bitha taghkom li gejt biex inraqqadha |
| PHILAMINTE | Sabiex inkun naf kemm tiswa, bizzejjed inkun naf min hu missierha |
| TRISSOTIN | l-apprezzament taghkom huwa bizzejjed biex iservi bhala ommha. |
| BELISE | O!  Xi spirtu ghandu! |

# IT-TIELET ATT

## IT-TIENI XENA

*HENRIETTE, PHILAMINTE, ARMANDE, BELISE, TRISSOTIN, LEPINE*

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | *(lil Henriette, li qed tahseb biex titlaq 'l hemm)*<br>Holà x'ghaggla ghandek biex thallina? |
| HENRIETTE | Dak minhabba l-biza' li nfixkel diskussjoni daqshekk docli |

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | Ersaq, u ejja kollok widnejn<br>Halli toghxa bhalna tisma' dawn il-meravilji ghall-widnejn |
| HENRIETTE | Jien ma nifhimx hlief ftit mis-sbuhija ta' dak li nkiteb<br>U m'inix mahluqa ezattament ghall-affarijiet ta' l-ispirtu |
| PHILAMINTE | Ma jimpurtax. Infatti, irrid nghidlek wara kollox<br>Sigriet li hemm bzonn li tkun taf. |
| TRISSOTIN | *(lil Henriette)*<br>L-gherf m'ghandu xejn li jista' jkebbislek in-nar<br>U int tigglorifika ruhek biss billi sahhar lin-nies warajk |
| HENRIETTE | Wiehed jista' jaghmel kemm wiehed jew l-iehor u ma ghandi aptit xejn |
| BELISE | Ah! Ejja nbennu t-tarbija li ghadha kif twieled, nitlobkom |
| PHILAMINTE | *(lil Lépine)*<br>Ejja, ja tfajjel zghir, gibilna malajr fejn noqghodu bil-qieghda<br>*(is-seftur jaqa' bis-siggu b'kollox)*<br>Arah l-impertinenti! Kif jirnexxilek?<br>Dan wara li tghallem sew l-ekwilibriju ta' l-affarijiet? |
| BELISE | Hemm bzonn ma tindunax, injorant, ghalfejn waqajt,<br>U li jkun ferm ahjar li jkollok punt fiss wiesgha,<br>dak li nsejhulu ic-centru tal-gravita'? |
| LEPINE | Indunajt, madame, meta kont diga' ma' l-art |
| PHILAMINTE | *(lil Lepine hu u hiereg 'il barra)*<br>Ja goff li int! |
| TRISSOTIN | Imn'alla ma kienx tal-hgieg |

| | |
|---|---|
| ARMANDE | A! L-ispirtu ma' kullimkien |
| BELISE | Qatt ma jmut |
| PHILAMINTE | Dewwaqna malajr mill-frott bnin tieghek |
| TRISSOTIN | Ghal dal-guh kbir li nkixef quddiem ghajnejja<br>Platt wiehed ta' tmint ivrus jidher li qisu mhux se jkun bizzejjed<br>U nahseb li hawnhekk ma nkunx qed naghmel hazin<br>Li nzid ma' l-epigramma, jew mal-poezija ta' mhabba,<br>il-hwawar ta' sunett li fi hdan principessa<br>ghadda biex ikollu certa delikatezza.<br>Huwa gherf insurmontabbli mhawwar ma' kullimkien<br>U se ssibuh, nemmen bis-shih, ta' toghma delizzjuza hafna. |
| ARMANDE | O!  M'ghandix dubbju. |
| PHILAMINTE | Ejja fis nifthu widnejna. |
| BELISE | *(kull darba li jkun ser jibda tinterrompi)*<br>Qed inhoss sewwa hafna qalbi thabbat bil-quddiem<br>Jien nhobbha wisq il-poezija mimlija passjoni<br>U fuq kollox, meta l-versi jkunu mdammin b'eleganza |
| PHILAMINTE | Jekk se nibqghu kull darba nitkellmu ahna, mhux ser ikun jista' jaqra .. |
| TRISSOTIN | SU ... |
| BELISE | *(lil Henriette)*<br>Kwieta,  ja neputija |
| PHILAMINTE | A! Halluh jaqra! |
| TRISSOTIN | Sunett lill-Principessa Uranie dwar il-Mard taghha |

| | |
|---|---|
| | Il-prudenza tieghek tnieghset,<br>Itrattaha manjifikatament,<br>Tant li ssib kenn bl-ohla qalb superbament,<br>lill-ehrex fost l-ghedewwa tieghek. |
| BELISE | A!  Xi fuh sabih! |
| ARMANDE | O x'kisra eleganti ghandu! |
| PHILAMINTE | Hu biss ta'versi liberi ghandu t-talent |
| ARMANDE | A! Il-"prudenza ... tnieghset" kif jista' xi hadd ma jcedilhiex l-armi u jemozzjona ruhu XXX |
| BELISE | "issib kenn bl-ohla qalb lill-ghadu"  ghalija hija mimlija hlewwa |
| PHILAMINTE | Jien "manjifikament" u "superbament" laqtuni l-aktar, dawn iz-zewg avverbji flimkien jqanqlu ammirazzjoni kbira. |
| BELISE | Lestu widnejkom ghall-kumplament. |
| TRISSOTIN | Il-prudenza tieghek tnieghset,<br>Itrattaha manjifikatament,<br>Tant li ssib kenn bl-ohla qalb superbament,<br>lill-ehrex fost l-ghedewwa tieghek. |
| ARMANDE | "Prudenza . tnieghset" |
| BELISE | "issib kenn lill-ghadu" |
| PHILAMINTE | "Manjifikament" u "Superbament" |
| TRISSOTIN | "Ohrogha, jghidu x'jghidu, |

| | |
|---|---|
| | Mis-sinjur tieghek appartament,<br>Fejn din l-ingrata insolennement,<br>B'gavlin tattakkalek is-sabiha hajtek." |
| BELISE | A xi hlewwa, halluni, halli f'din il-grazzja kollha, niehu n-nifs. |
| ARMANDE | Aghtina, jekk joghgbok, il-pjacir li nammiraw. |
| PHILAMINTE | Versi bhal dawn thosshom sal-qiegh ta' qalbek<br>jizbroffa bhal ma nafx xhiex tant bil-qawwa illi kwazi kwazi tkun ser tintilef minn sensik. |
| ARMANDE | "Ohrogha, jghidu x'jghidu,<br>Mis-sinjur tieghek appartament"<br>Dik il-"is-sinjur appartament" kemm hi mpoggija tajjeb<br>U b'liema spirtu il-metafora hija mqieghda |
| PHILAMINTE | "Ohrogha, jghidu x'jghidu"<br>Dik il-"jghidu x'jghidu" hija ta' gost ammirevoli<br>Hija, fil-fehma tieghi, post imprezzabbli. |
| ARMANDE | "Jghidu x'jghidu" qalbi wkoll innamrat minnha. |
| BELISE | Naqbel maghkom, "jghidu x'jghidu" hija verament ferrihija. |
| ARMANDE | Kemm nixtieq li ghamiltha jien |
| BELISE | Wahedhom dawk l-erba' versi jiswew diga' daqs poezija |
| PHILAMINTE | Imma qed tifhmu bhali il finezza taghha? |
| ARMANDE U BELISE | O! O! |

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | “Ohrogha, jghidu x’jghidu.”<br>Li hawnhekk wiehed qed jitkellem verament dwar l-influenza<br>Taghtu kas xejn, idhku biz-zekzik tan-nies,<br>“Ohrogha, jghidu x’jghidu,<br>Jghidu x’jghidu, jghidu x’jghidu.”<br>Din il-“Jghidu x’jghidu” tghid hafna iktar milli tidher li qed tghid.<br>Ma nafx, ghalija, ma nafx haddiehor hux qed jigrilu bhali,<br>Imma ‘l hemm fuq qed nisma’ miljuni ta’ kliem. |
| BELISE | Veru, li qed tghid hafna iktar kliem mill-kobor taghhom. |
| PHILAMINTE | *(lil Trissotin)* Imma, meta inti dammejt din il-hlewwa ta’ frazi “jghidu x’jghidu”<br>Fhimt int stess, l-energija kbira li tohrog minnha?<br>Hadt hsieb tajjeb int stess dak kollu li tghidilna frazi bhal din,<br>u hsibt allura sabiex titfa’ tant spirtu fiha? |
| TRISSOTIN | Hai! Hai! |
| ARMANDE | U anke l-“ingrata” lili baqghet tidwili go rasi<br>Din l-ingrata influwenza, ingusta, dizonesta,<br>li tittratta tant hazin lin-nies li joffrulha kenn go fihom. |
| PHILAMINTE | Fl-ahhar minn l-ahhar dawn il-kwartini huma ferm amminrevoli t-tnejn li huma, ejja issa ha nfittxu naslu ghat-terzini, nitolbok. |
| ARMANDE | A! Jekk joghgbok, erga’ darb’ohra, “jghidu x’jghidu”. |
| TRISSOTIN | “Ohrogha, jghidu x’jghidu.” |
| PHILAMINTE, ARMANDE, BELISE | “Jghidu x’jghidu” |
| TRISSOTIN | “Mis-sinjur tieghek appartament” |

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE, ARMANDE, BELISE | "Sinjur appartament" |
| TRISSOTIN | "fejn din l-ingrata insolennement" |
| PHILAMINTE, ARMANDE, BELISE | Din l-"ingrata" influwenza |
| TRISSOTIN | "Tattakkalek is-sabiha hajtek" |
| PHILAMINTE | "Is-sabiha hajtek" |
| ARMANDE U BELISE | A! |
| TRISSOTIN | Kif! Minghajr ebda rispett lejn il-klassi tieghek<br>Tnehillek gewwa demmek |
| PHILAMINTE, ARMAND U BELISE | Ah! |
| TRISSOTIN | "U jum u lejl titfaghlek l-insult!<br>U jekk inti tehodha lejn il-banju,<br>minghajr ma tiehu hsiebha aktar fit-tul,<br>gharraqha b'idejk stess." |
| PHILAMINTE | Ma niflahx iktar ghaliha |
| BELISE | Se nintilef minn sensija |
| ARMANDE | Qed immut bil-pjacir |

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | Minn elf treghida helwa thossok tinhakem |
| ARMANDE | "U jekk inti tehodha lejn il-banju" |
| PHILAMINTE | "Gharraqha b'idejk stess."<br>B'idejk stess, hemmhekk, gharraqha gol-banju |
| ARMANDE | Ma' kull pass li wiehed jaghmel fil-versi tieghek jiltaqa' ma' sbuhija li ssahhar |
| BELISE | Kullimkien nimirhu b'ferh se jtir |
| PHILAMINTE | Ma konniex nimirhu jekk mhux fuq affarijiet sbieh |
| ARMANDE | Huma sqaqien zghar mizrugha kollha ward |
| TRISSOTIN | Is-sunnett allura jidhrilkom … |
| PHILAMINTE | Ammirevoli, gdid, u hadd qatt qabel ma ghamel iehor daqshekk sabih. |
| BELISE | *(lil Henriette)*<br>Kif! Minghajr emozzjoni waqt qari bhal dan!<br>Int qed taqta' verament figura kerha hemmhekk! |
| HENRIETTE | Kull wiehed minna ghandu dritt jaqta' l-figura li jrid,<br>Zija, u l-ispirtu mhux l-uniku haga li tghodd. |
| TRISSOTIN | Jewwilla l-versi tieghi dejquk Madame. |
| HENRIETTE | Qas xejn : minix nisma' |

| | |
|---|---|
| PHILAMINTE | A! Ejja naraw l-epigramma |
| TRISSOTIN | "FUQ KAROZZELLA TA' KULUR VJOLA MOGHTIJA LIL DAMA MINN HBIEBHA" |
| PHILAMINTE | It-titli tieghu dejjem ikollhom xi haga rari |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

# IT-TIELET ATT

## IT-TIELET XENA

*HENRIETTE, PHILAMINTE, ARMANDE, BELISE, TRISSOTIN, LEPINE, VADIUS*

| | |
|---|---|
| LEPINE | *(Lil Trissotin)* Monsieur, hawn ragel li jixtieq ikellmek<br>Liebes l-iswed u jitkellem b'ton helu |
| TRISSOTIN | Huwa ragel gharef li talabni tant bi hniena<br>li jkollu l-unur li jiltaqa' maghkom |
| PHILAMINTE | Li ggibu s'hawn ghandek permess kemm trid<br>*(lil Armande u lil Belise)*<br>Ejja naghtu l-unur ghallinqas lill-ispirtu taghna |

| | |
|---|---|
| | *(lil Henriette li sejra 'l barra)*<br>Holà! Ghedtlek diga' bi kliem car li ghandi bzonnok hawnhekk |
| HENRIETTE | Imma ghal liema raguni? |
| PHILAMINTE | Ejja 'l hawn, dalwaqt tkun taf b'kollox |
| TRISSOTIN | Hawn hu r-ragel li jmut bix-xenqa li jarak<br>Li hawnhekk nipprezentahulek, ma nibzax mill-htija<br>Li lqajt ghandek persuna profana, madame:<br>Hu jista' jzomm postu fost l-ghorrief |
| PHILAMINTE | L-id li qed tipprezentah hija bizzejjed biex taghti hjiel ta' x'jista' jsarraf |
| TRISSOTIN | Tal-awturi l-antiki ghandu gharfien shih<br>U jitkellem il-grieg Madame anke jekk hu Franciz |
| PHILAMINTE | Il-grieg! O ciel! Il-grieg! Jaf bil-grieg ja oht! |
| BELISE | A, ja neputija tieghi, bil-grieg! |
| ARMANDE | Bil-grieg! Xi hlew! |
| PHILAMINTE | X'inhu! Il-Monsieur jaf bil-grieg! A! Ippermettili! Li jkolli l-grazzja!<br>F'gieh il-grieg, Monsieur, li naghtik bewsa!<br>(*Ibushom kollha, sa ma jasal ghand Henriette, li tirrifjuta)* |
| HENRIETTE | Skuzani, Monsieur, imma jien ma nifhimx bil-grieg |
| PHILAMINTE | Jien ghandi rispett specjali lejn il-kotba bil-grieg |
| VADIUS | Qed nibza' li qed niskomodakom b'din il-laqgha hekk fietla li qed issirli<br>Nixtieq nurik, illum, madame, xhieda tar-rispett tieghi lejk, |

| | |
|---|---|
| | u jista' jkun li fixkilt xi tahdita intelligenti |
| PHILAMINTE | Monsieur, bil-grieg xejn ma jista' jmur zmerc |
| TRISSOTIN | Mill-bqija, jaghmel il-meravilji kemm bil-versi kif ukoll bil-proza<br>U jista', jekk irid, jurikom xi haga |
| VADIUS | Id-difett ta' bosta kittieba f'kitbiethom,<br>Hu li jittiranizzaw wisq bi hsibijiethom il-konversazzjonijiet taghhom,<br>li jkunu fil-palazzi, fil-btiehi, fit-trejqiet, fuq l-imwejjed,<br>jaqraw bla heda versi li jheddluk,<br>Ghalija, ma nara xejn iktar stupidu, fil-fehma tieghi,<br>milli kittieb jigri ma' kullimkien jittallab ghas-simpatija,<br>Li jahtaf il-widna tal-ewwel erbgha min-nies li jinzertaw quddiemu<br>U jaghmilhom hafna drabi l-martri ta' lejlietu.<br>Genn bhal dan qatt ma ntwera li laqatni,<br>u tal-Grieg fl-oghla tieghu jien il-qalb,<br>li skont regoli stretti niddefendi tal-ghorrief ilkoll<br>id-denju rispett ta' kitbiethom.<br>Isimghu, x'versetti helwin ghal zewg zghazagh mahbubin<br>Dwar liema nixtieq sew tghiduli x'tahsbu |
| TRISSOTIN | Il-versi tieghek ghandhom sbuhija li ma ssibhiex f'kulhadd |
| VADIUS | Il-Grazzji u Venere jirrenjaw fil-versi kollha tieghek |
| TRISSOTIN | Ghandek hsieb hieles u damma mirquma ta' kliem |
| VADIUS | Fik wiehed jara ma' kullimkien l-ithos u l-pathos |
| TRISSOTIN | Minghandek rajna taqbiliet dwar in-natura ta' stil<br>Li sahansitra jisboq lil dak ta' Teokritu u ta' Vigilju |
| VADIUS | L-odi tieghek ghandhom arja nobbli, galanti u docli,<br>Li bihom taqta' ferm warajk lil Orazju tieghek |

| | |
|---|---|
| TRISSOTIN | Mhux daqs il-kanzunetti tieghek iqanqlu l-imhabba jewwilla? |
| VADIUS | Ma jistax wiehed jara u jghid l-istess dwar is-sunetti tieghek? |
| TRISSOTIN | Xejn m'hemm helu daqs ir-'rondeaux' *(pron. 'rondò)* tieghek! |
| VADIUS | Xejn li jfawwar bl-emozzjonijiet daqs il-poeziji ta' mhabbtek |
| TRISSOTIN | Ghall-ballati fuq kollox ta' min jammirak |
| VADIUS | U fit-taqbiliet spontanji ta' min inehhilek il-kappell |
| TRISSOTIN | Oh kieku Franza setghet taghtik prezz |
| VADIUS | Li kieku das-seklu ghamel gustizzja mal-oghla valuri |
| TRISSOTIN | Fuq karozzella mdiehba kienu jdawruk mat-triqat |
| VADIUS | Hemm kont tara n-nies jaghmlulek l-istatwi<br>*(lil Trisottin)*<br>Oh! Hija ballata, u kemm nixtieq li b'tant carezza inti |
| TRISSOTIN | Qatt gie taht ghajnejk sunnett qasir<br>Dwar id-deni li kellha l-principessa Uranie? |
| VADIUS | U zgur! Ilbierah qrawhuli waqt li kont m'ohrajn |
| TRISSOTIN | Taf ta' min hu? |
| VADIUS | Le, imma nghidlek id-dritt,<br>kieku kelli nghid il-verità ma jiswa xejn! |

| | |
|---|---|
| TRISSOTIN | Madankollu hafna nies ihossu li huwa ammirevoli |
| VADIUS | Dak ma jfissirx li mhux patetiku;<br>U li kieku tarah zgur li bhali tahsibha. |
| TRISSOTIN | Ma nahsibx li jien f'dak il-livell,<br>u li jiktbu sunett bhal dak ftit nies huma kapaci. |
| VADIUS | Alla jiddelibrani milli naghmel xi haga bhalu! |
| TRISSOTIN | Jien nahseb li difficli taghmel ahjar minnu<br>U l-ikbar raguni ghaliex nahseb hekk huwa ghaliex jien stess il-kittieb! |
| VADIUS | Int? |
| TRISSOTIN | Jien. |
| VADIUS | Ma nafx x'gara mela. |
| TRISSOTIN | Heqq! Ma kellix ix-xorti noghgbok |
| VADIUS | Hemm bzonn li meta kont qed nisma' kont ftit mehdi<br>Jew min kien qed jaqrahuli nehhielu l-gost kollu<br>Imma issa ejja nergghu lura ghalli konna qed nghidu<br>U naqraw il-ballata tieghi |
| TRISSOTIN | Il-ballata, jekk tistaqsi lili, hija haga bla gost<br>M'ghadhiex moda, ghaddielha zmienha |
| VADIUS | Il-ballata safrattant isahhar hafna nies |
| TRISSOTIN | Dak ma jfissirx li ma ddejjaqnix |

| | |
|---|---|
| VADIUS | Dak ma jaghmilhiex aghar |
| TRISSOTIN | Tappella l-iktar lill-pedantici |
| VADIUS | Safrattant naraw jekk toghgbokx |
| TRISSOTIN | Bhal cuc qed tipprova titfa’ fuq haddiehor il-kwalitajiet tieghek |
| VADIUS | B’arja impertinenti int titfa’ fuqi tieghek |
| TRISSOTIN | U ejja ja bicca ta’ injorant, kull ma taf tharbex fuq il-karti |
| VADIUS | Qabbiel tal-karta strazza, skerz tas-sengha |
| TRISSOTIN | Skarpan tal-kitba, wiccek joqghod biss biex tikkopja! |
| VADIUS | U ejja ja bicca tifel tal-iskola li jahseb li hu xi mghallem! |
| PHILAMINTE | Eh! Messieurs! X’qed tahsbu li qed taghmlu? |
| TRISSOTIN | Mur, mur aghti lura dak li sraqt x’misthija!<br>Ghax gergru fuqek kemm il-Griegi kif ukoll il-Latini |
| VADIUS | Mur, mur aghmel stqarrija pubblika fuq il-muntanja ta’ Parnass<br>Li b’kitbietek bazwart lil Orazju |
| TRISSOTIN | Ftakar fil-ktieb tieghek u f’dik in-naqra storbju |
| VADIUS | U int, fil-librerija tieghek fl-isptar tal-fqar |
| TRISSOTIN | Il-fama tieghi lesta, |

| | |
|---|---|
| | Ghalxejn tipprova tkissirhieli |
| VADIUS | Mela le! Mela le! Nirrakkomandak lill-awtur tas-'Satires' |
| TRISSOTIN | Jien ukoll |
| VADIUS | Jien ghandi l-pjacir nghid li<br>Gejt onorat ferm iktar<br>Lili jikritikani b'mod legger<br>Ma' diversi kittieba fil-Palazz ferm mahbuba<br>Imma lilek, int, lanqas biss jaghtik nifs fil-versi tieghu<br>U jzebilhek ma' kullimkien bhala l-iktar wiehed miftuh ghall-insulti tieghu |
| TRISSOTIN | Ghalhekk jien ta' statura differenti<br>Lilek isemmik mal-kotra daqslikieku mizerabbli<br>Jahseb li jista' joqtlok b'daqqa wahda<br>U ma takx l-unur li jaghtik it-tieni wahda<br>Imma lili jattakkani bhala avversarju denju tal-battalja<br>U jidhirlu li nimmerita l-isforzi kollha tieghu<br>U iktar kemm jirdoppja d-daqqiet tieghu ma' kullimkien,<br>iktar juri li jkun ghadu ma rebahx. |
| VADIUS | Il-pinna tieghi ghad turik x'tip ta' bniedem jien |
| TRISSOTIN | U tieghi ghad turik li nista' nkun ferm 'il fuq minnek |
| VADIUS | Jien nghaddik fil-vers, fil-kitba, fil-grieg u fil-latin |
| TRISSOTIN | U mela le!  Issa naraw meta mmorru wahedna ghand Barbin *(pron. Barbe*$^{n}$*) il-*pubblikatur! |

# IT-TIELET ATT

## IR-RABA' XENA

*TRISSOTIN,  PHILAMINTE, ARMANDE, BELISE, HENRIETTE*

| | |
|---|---|
| TRISOTTIN | Tatunix htija tar-rabja tieghi,<br>Huwa propju l-gudizzju taghkom li qed niddefendi, madame,<br>fis-sunett li kellu l-wicc jattakka |
| PHILAMINTE | Biex nerga' nifhem sewwa x'gara jrid jghaddi ftit hin<br>Imm'issa ejja nitkellmu dwar affarijiet ohra. Ersaq, Henriette,<br>Sa minn zmien ilu qalbi kienet soghbiena<br>Ghaliex ma jidher l-ebda sinjal ta' spirtu fik,<br>Imma ridt insib mezz kif inkabbru go fik |
| HENRIETTE | M'ghandikx ghalxiex tinkwieta<br>Id-duttrini skolastici ma jghoddux ghalija<br>Jien inhobb nghix fil-kwiet u minn dak kollu li tghidu<br>Fiha bicca xoghol kbira mhux hazin biex timtela bil-virtù.<br>Mhix xi ambizzjoni li xi darba dahlitli go rasi.<br>Jien insibni tajba, li nkun bestja.<br>U nippreferi jkolli ghanijiet ta' kuljum<br>Milli noqghod inhabbel mohhi bil-kliem sabih. |
| PHILAMINTE | Veru, imma jien mwegga' b'hekk; u mhux kompitu tieghi li<br>Nsofri daqshekk b'tali misthija li waqghet fuq demmi<br>Is-sbuhija tal-wicc hija ornament fragli<br>Fjur li titbiel, dawl ta' ftit hin,<br>ghal min jintrabat biss mal-gilda tieghu,<br>imma dik tal-ispirtu hija inerenti u maghluqa.<br>Huwa ghalhekk li fittixt ghal zmien twil b'certu manjiera naghtik<br>Sbuhija li ma tistax tinhasad mas-snin<br>Li nqanqal gewwa fik ix-xewqa tax-xjenzi<br>Li nfesfislek il-helu gherf ;<br>U hsiebi fl-ahhar wassalni hekk kif segwejt xewqati<br>Kien li nwahhad mieghek ragel mimli bl-ispirtu<br>U dan ir-ragel huwa l-monsieur, li jiena nordnalek<br>Tara bhala zewgek li skont l-ghazla tieghi ser isawwarlek id-destin. |
| HENRIETTTE | Jien, ja omm? |
| PHILAMINTE | Iva, inti, inti. Ghamilha ftit tal-belha! |
| BELISE<br>*(lil Trissotin)* | Qed nisimghek. Ghajnejk qed jitolbuk idejja biex jorbtu fi mkejjen ohra qalbi li kienet marbuta mieghi. Mur, mur. Jien irridilha l-gid. Ser |

| | |
|---|---|
| | inhollok mill-irbit u ncedi mhabbtek lejja – huwa zwieg li jaghtik statura. |
| TRISOTTIN<br>*(à Henriette)* | Ma nafx x'se naqbad nghid bis-sorpriza li ghandi fuqi,<br>Madame, u dan l-irbit li qed nara jonorani ...<br>Ipoggini |
| HENRIETTE | Kollox sew, monsieur! Ghadu m'hemm xejn, tantx tghaggel! |
| PHILAMINTE | Sewwa li tkun taf li ...? Bizzejjed ... qeghdin tifhmuni.<br>*(lil Trisottin)*<br>Xi darba ghad jidhlilha l-melh f'mohhha. Ejja ha mmorru, ha nhalluha taghmel li trid. |

# IT-TIELET ATT

## IL-HAMES XENA

*ARMANDE, HENRIETTE*

| | |
|---|---|
| ARMANDE | Qed nara mhabbet ommna tiddi ghalik ,<br>U l-ghazla taghha qatt ma setghet sabitlek ragel daqshekk denju |
| HENRIETTE | Jekk l-ghazla hija daqshekk tajba, ghax ma tiehdux int? |
| ARMANDE | Huwa lilek, mhux lili, li giet offruta idu. |
| HENRIETTE | Incedihulek kollu, bhala ohti l-kbira |
| ARMANDE | Kieku r-rabta bhalek, kienet tappellali,<br>kont naccetta l-offerta tieghek b'entuzjazmu kbir |
| HENRIETTE | Kieku kelli, bhalek, il-filosofiji f'rasi,<br>kont insiblu parti ohra ferm iktar tixraqlu |

| | |
|---|---|
| ARMANDE | Safrattant, anke jekk il-gosti taghna huma ferm differenti,<br>irridu nobdu, ja oht, lill-genituri taghna;<br>omm ghandha fuqna poter assolut<br>u m'inti ser tasal imkien bir-rezistenza |

# IT-TIELET ATT

## IS-SITT XENA

*CHRYSALE, ARISTE, CLITANDRE, ARMANDE, HENRIETTE*

| | |
|---|---|
| CHRYSALE | *(lil Henriette, hu u jipprezentalha lil Clitandre)*<br>Ejja, ja binti, hemm bzonn timxi mal-pjan tieghi ghalik.<br>Inza' dawn l-ingwanti. Miss id dan il-monsieur,<br>u mil-lum 'il quddiem ikkunsidrah bhala parti minn ruhek ... ragel ta' min verament nixtieqek tkun il-mara. |
| ARMANDE | Sa fejn qed nara jien, ja oht, il-gibdiet tieghek huma verament kbar. |
| HENRIETTE | Hemm bzonn nobdu, ja oht, il-genituri taghna;<br>Missier ghandu fuqna poter assolut. |
| ARMANDE | L-omm min-naha taghha wkoll ghandha l-ubbidjenza taghna |
| CHRYSALE | Xi trid tghid b'hekk? |
| ARMANDE | Irrid nghid li wisq nibza'<br>Li f'dil-bicca int u ommi ma qbiltux<br>U huwa ragel iehor li ... |
| CHRYSALE | Iskot, ja pacpaca. Mur iffilosofizza kemm trid maghha! U tindahalx fl-affarijiet tieghi!<br>Ghidilha dwar ix-xewqat tieghi u kun certa wkoll li twiddibha<br>Biex ma ttellaghhomlix!<br>Itlaq, ghaggel! |

| | |
|---|---|
| ARISTE | Tajjeb hafna : int veru taghmel l-ghegubijiet! |
| CLITANDRE | X'kommossjoni! X'ferh! Ah! Kemm hi helwa xortija! |
| CHRYSALE | *(lil Clitandre)*<br>Isa, aqbdilha idha u ghaddi minn quddiemna<br>*(lil Ariste)*<br>Akkumpanjaha lejn kamritha. Ah! Xi hlew ta' namur!<br>Araw qalbi thabbat malli tara dil-hlewwa kollha<br>Dan ser jerga' jqajjem fija t-tfulija tal-imghoddi,<br>U niftakar fl-imhabbiet ta' meta kont izghar. |

# IR-RABA' ATT

## L-EWWEL XENA

*ARMANDE, PHILAMINTE*

| | |
|---|---|
| ARMANDE | Iva, xejn ma caqlaq l-ispirtu instabbli taghha<br>Tghidx kemm obdiet lil missierha bil-qalb<br>Qalbha, kif infethet, bilkemm<br>Stenniet sakemm tircievi l-ordni alavolja quddiemi<br>U dehret li qed issegwi inqas ix-xewqat tal-missier<br>Milli taffettwa u tiffronta l-ordnijiet ta' omm |
| PHILAMINTE | Issa nuriha jien ta' min minna t-tnejn ghandha tobdi l-ordnijiet<br>Id-drittijiet tar-raguni jeghlbu x-xewqat kollha taghha<br>U min ghandu jikkmanda, jekk hux ommha jew missierha,<br>jekk hux l-ispirtu jew il-gisem, il-forma jew il-materja |
| ARMANDE | Seta' almenu ghamillek ghallinqas kumpliment<br>U dan il-monsieur zghazagh b'komportament stramb<br>Li jixtieq minkejja kollox isir hatnek |
| PHILAMINTE | Ghadu ma jafx s'issa dak li ghandha tixtieq qalbu.<br>Kont hsibtu tajjeb, u li kieku jien approvajt imhabbitkom |

| | |
|---|---|
| | Imma, f'dawn ic-cirkustanzi digà m'ghogobnix<br>Jaf li,  ghall-Grazzja t'Alla, jien minix ser ninfixel nikteb,<br>u qatt ma talabni naqralu xi haga. |

# IR-RABA' ATT

## IT-TIENI XENA

*CLITANDRE (Jidhol bil-mod u jevita li jarawh), ARMANDE, PHILAMINTE*

| | |
|---|---|
| ARMANDE | Jien kieku ma noqghodx ninkwieta, kieku kont int,<br>Li ta' Henriette r-ragel qatt ma jista' jkun.<br>Kieku veru jiddispjacini li kieku kelli nidher<br>Li 'l hemm fuq jien nitkellem bhala xi tifla nteressata<br>Kieku nitlaq minn idejja d-destin li jidher li qed joffrili<br>Jitfa' fil-qiegh ta' qalbi xi sigriet bla sens.<br>Kontra daqqiet bhal dawn il-qalb ittella' iktar swar<br>Msejsa minn ghajnuna soda tal-filosofija<br>U permezz taghha wiehed jitpogga 'l fuq minn kollox.<br>Imma li jitrattak hekk, ikun veru wasslek fl-ahhar.<br>Ikun biss unur tieghek li tirrifjuta x-xewqat tieghi,<br>u wara kollox mhux ragel li ghadnu joghgbok.<br>Qatt ma ghaddieli rasi, meta konna nitkellmu flimkien,<br>li kellu fil-qiegh ta' qalbu stima lejk. |
| PHILAMINTE | Ja bicca ta' cuc! |
| ARMANDE | Hu x'inhu l-hoss li l-glorja tieghek taghmel,<br>Minn dejjem sabiex jilqghek deher qisu tas-silg. |
| PHILAMINTE | Ja viljakk! |
| ARMANDE | U ghal ghoxrin darba, bhala kitbiet godda,<br>Jien qrajtlu versi minn tieghek li ma nizlulux. |
| PHILAMINTE | Impertinenti! |

| | |
|---|---|
| ARMANDE | Kemm-il darba kwazi argumentajna<br>U ghadek ma tafx x'tip ta' bassezzi jista' jaqa' ... |
| CLITANDRE | U!  Tghaggibhiex! Il-hniena sapjenza t'Alla!  Aghmlu naqra karità, Madame, ftit jew wisq ta'  rispett.<br>X'qatt ghamiltlek hazin jien?  U liem'hi l-offiza tieghi<br>Li tarma lilek innifsek kontriha b'din il-heffa kollha?<br>Li tixtieq tant li tkissirni u li tiehu tant hsieb<br>Li ggieghlni ninbaghad ma' nies li tant ghandi bzonn?<br>Tkellem, ghid, minn fejn gejja din l-herra tal-biza'?<br>Nippreferi kieku l-Madame tagixxi ta' mhallfa imparzjali |
| ARMANDE | Kieku kelli l-herra li qed takkuzani biha<br>Kieku kont issib bizzejjed ragunijiet biex niggustifikaha<br>Kont tkun wisq denju u l-ewwel fjammi<br>Jistabilixxu ruhhom tant sagri fuq ir-ruh<br>Li minhabba fihom jaghmel sens titlef fortuna u tirrinuncja ghall-jum<br>Iktar milli tinharaq gon-nirien ta' mhabba ohra.<br>Il-passagg bejn qalb u ohra m'hemm l-ebda terrur ihaqqaqha mieghu<br>U l-qlub kollha infidili huma mostru tal-morali. |
| CLITANDRE | Qieghda ssejjah, Madame, infedeltà<br>Dak li minn ruhek ordnali l-krudeltà?<br>Jien m'ghamilt xejn hlief li nobdi il-ligijiet li hi mponietli,<br>U jekk qed noffendik, hi biss hi li qed tikkawza da' kollu.<br>Is-sbuhija tieghek kienu fil-bidu ippossedewli qalbi kollha.<br>Baqghet tixghel ghal sentejn bl-istess intensità,<br>ma kenitx hlief interess mill-qrib, doveri, rispett, servizz,<br>li minnhom int ghamilt sagrificcji tal-imhabba.<br>Il-hgejjeg kollha tieghi, l-interessi kollha, ma wasslu ghal xejn fuqek;<br>Jien insibek il-kontra ghax-xewqat l-iktar docli tieghi,<br>dak li int tajt bis-sieq , ser noffrih lil haddiehor.<br>Hares : ta' min hu t-tort Madame, taghkom jew tieghi?<br>Qalbi ghazlet li tbiddel imhabbitha wahedha jew inti stess gieghheltha taghmel hekk?<br>Jien qed nitilqek jew int li qed tkeccini? |
| ARMANDE | Int qed issejjah, monsieur, li huwa kuntrarju ghax-xewqat tieghek<br>Li tnehhilhom dak li ghandhom vulgari<br>U tirriducihom ghal dil-purità<br>Minn liema mhabba perfetta tikonsisti s-sbuhija? |

| | |
|---|---|
| | Int m'intix kapaci thalli hsibijiet ghalija<br>Hlief ghal atti tas-sensi cari u distakkati?<br>U int ma dduqx f'dawn il-gibdiet ferm helwin<br>Din l-ghaqda tal-qlub fejn il-gisem m'ghandux x'jaqsam?<br>Int ma tafx hlief thobb b'imhabba primittiva;<br>hlief bl-armar kollu tal-irbit tal-gisem;<br>u biex taghlef in-nirien li tqanqlu gewwa fik,<br>hemm bzonn zwieg, u dak kollu li jigi warajh.<br>Oh! X'imhabba stramba! U jalla qlub tajba<br>Huma ferm 'il boghod li jinharqu minn dawn il-hgejjeg terrestri!<br>Is-sensi m'ghandhomx x'jaqsmu ma' din l-intensità kollha,<br>u dan in-nar sabih ma jridx izewweg hlief il-qlub;<br>bhala hwejjeg mhux misthoqqha jhalli barra l-kumplament.<br>Huwa nar pur u car bhan-nar tas-swemmiet;<br>Hadd ma jilghab mieghu hlief tqanzih onest<br>U ma jitmejjel qatt lejn ix-xewqat mahmuga.<br>Xejn imtappan ma jithallat mal-ghanijiet li qed jigu proposti.<br>Wiehed ihobb biex ihobb, u mhux ghal affarijiet ohra.<br>Mhux hlief lejn l-ispirtu li jmorru l-emozzjonijiet kollha<br>U wiehed ma jiftakar fl-ebda moment li huwa gisem. |
| CLITANDRE | Ghalija, b'xorti hazina, jiena ninduna madame,<br>li jien ma noghgbokx, gisem daqs ruh,<br>inhoss li t-tnejn li huma huma wisq marbutin flimkien biex inhallih barra,<br>li nifridhom, m'ghandix l-arti,<br>is-smewwiet infushom cahhduni minn dil-filosofija,<br>u ruhi u gismi ma jafux hlief jimxu flimkien.<br>M'hemm xejn isbah, kif ghedt sewwa int,<br>Li dawn ix-xewqat impuri li ma jmorrux lejn l-ispirtu,<br>dat-twahhid tal-qlub, u dawn id-docli hsibijiet,<br>Mill-attività tas-sensi jinqalghu,<br>imma mhabbiet bhal dawn ghalija huma wisq immaterjali:<br>jien naqra mondan, kif akkuzajtni int;<br>jien inhobb bija nnifsi kollu, u l-imhabba li ninghata<br>irridha, nammetti, ghall-persuna tieghi kollha.<br>Mhix il-materja ghal kastigi kbar<br>U minghajr ma naghti tort lis-sentimenti elevati tieghek,<br>nista' nara li kullimkien mad-dinja wiehed jimxi b'sahha mal-metodu tieghi<br>u li z-zwieg huwa moda mhux hazin<br>jghaddi ghal rabta helu u onest bizzejjed<br>talli xtaqt insir zewgek,<br>minghajr il-helsien ta' tali hsibijiet,<br>kelli bilfors naghti lok li noffendik. |

| | |
|---|---|
| ARMANDE | Eh bien! Monsieur! Eh bien! Minn mindu, minghajr ma smajtni,<br>is-sentimenti brutali tieghek iridu jissodisfaw ruhhom,<br>minn mindu baxxejt lilek innifsek ghal fedeltajiet daqshekk vjolenti,<br>hemm bzonn ghoqdiet tal-laham, ktajjen tal-gisem,<br>jekk ommi hekk trid,<br>jien iddecidejt dwar l-ispirtu tieghi<br>li naghtik il-permess ta' dak li tixtieq taghmel. |
| CLITANDRE | M'hemmx iktar zmien, Madame : haddiehor hadlek postok;<br>U sabiex nerga' lura b'dal-mod ikolli hemm emozzjonijiet hziena.<br>Li nitratta hazin lil min offrieli farag u nwegga' lit-tajjeb<br>Fejn sibt il-kenn mill-krudeltajiet tieghek kollha. |
| PHILAMINTE | Imma wara kollox, ghodd, monsieur, fuq il-fehma tieghi,<br>Meta wighedt dan iz-zwieg?<br>U, fl-iktar hsibijiet stravaganti tieghi, taf li, jekk joghgbok,<br>Ghal Henriette ghandi ragel iehor lest? |
| CLITANDRE | Eh! Madame, ara l-ghazla tieghek, nitolbok;<br>Ikxifni, jekk joghgbok, mill-inqas ghad-dizunur<br>U titfaghlix fuqi d-destin xejn dinjituz<br>Li taghmilni r-rivali ta' monsieur Trisottin<br>L-imhabba tal-ispirti elevati, li ghandkom qieghda kontrija,<br>ma setghet qatt issibli kontrija avversarju inqas nobbli.<br>Huwa jirraprezenta, flimkien ma' hafna,<br>dak li l-gosti koroh tas-seklu poggew fuq quddiem,<br>imma Monsieur Trisottin ma rnexxielu jidhaq b'hadd,<br>u kulhadd jaf jizen il-kitbiet li jaghtina.<br>'il barra minn din id-dar, kulhadd jafu b'ta' li hu,<br>u dak li dejjem issorprendieni,<br>kien li narakom tgholli sas-sema stejjer twal li<br>kieku intom stess ma tghidux li huma taghkom li kieku ktibtuhom intom stess. |
| PHILAMINTE | Jekk inti tahseb dwaru differenti minna,<br>dan ghaliex ahna narawh minn ghajnejn differenti minnek. |

# IR-RABA' ATT

## IT-TIELET XENA

*TRISOTTIN, ARMANDE, PHILAMINTE, CLITANDRE*

| | |
|---|---|
| TRISOTTIN | Gejt naghtikom ahbar importanti.<br>Mentri konna reqdin madame, hlisnieha bi zbrixx :<br>Stilla vicin taghna ghaddiet ferm minn hdejna<br>U waqghet dritt ghal goc-cirku taghna;<br>U li kieku fi triqitha laqtet lid-dinja taghna<br>Kienet titfarrak bicciet daqslikieku tazza. |
| PHILAMINTE | Ha nhalluha paroli bhal dawn ghal darb'ohra<br>Il-Monsieur mhux se jaqbad tarf ta' x'qed tghid<br>Jiftahar bil-fatt li jhaddan tant injoranza,<br>u li jobghod l-ewwel u qabel kollox l-ispirtu u x-xjenzi. |
| CLITANDRE | Din il-verità jisthoqqilha titrattab xi naqra<br>Ha nispjega lili nnifsi, madame; nobghod biss<br>ix-xjenza u l-filosofija li jmermru n-nies.<br>Huma affarijiet li fihom infushom huma sbieh u tajbin;<br>Imma, li kieku kelli naghzel, nippreferi nkun fost l-injoranti<br>Milli naghmilha tal-bravu fost certi nies. |
